IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1a** |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Mattia Preti f'Malta**

Huwa magħruf li Mattia Preti, artist Taljan ta' fama kbira, ġie jgħix għalkollox f'Malta fl-1661. Ix-xogħlijiet artistiċi tiegħu huma l-aktar ispirati mit-tekniki ta' Caravaggio. Fil-kuluri ġie wkoll ispirat minn artisti Venezjani. Il-kapolavur tiegħu f'Malta jinstab fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fejn f'perjodu ta' erba' snin, tana xogħol mill-isbaħ ta' arti Barokka. Fil-fatt, il-Konkatidral huwa meqjus bħala ġojjell tal-arti Barokka, arti meqjusa tal-istess livell għall-arti li nsibu fil-Kappella Sistina fil-Vatikan. F'erbgħin sena karriera, Preti wettaq għadd ta' xogħlijiet fi knejjes u kappelli Maltin.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Jum l-erwieħ li jiġi fit-2 ta' Novembru jfakkar lil dawk kollha li għexu qabilna u ħallew din id-dinja. Fl-imgħoddi f'dan il-jum kienet issir karità mal-foqra billi jitqassmilhom xi ikel. Dan kien jikkonsisti minn dik li kienu jsejħulha *minestra tal-erwieħ*. Patrijiet Franġiskani kienu jpoġġu kardaruni kbar fit-toroq u fihom in-nies kienu jitfgħu diversi ħxejjex li kien ikollhom. Dan il-ħaxix kien jissajjar f'minestra li kienet titqassam lill-foqra. Ikel ieħor li kien jitqassam kien magħruf bħala l-*ħanżir tal-erwieħ*. Dan kien jinxtara minn xi ħadd sinjur u jitħalla jdur fit-toroq filwaqt li n-nies kienet titimgħu. F'Jum l-erwieħ kien jissajjar u jitqassam lill-foqra.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) il-mejtin
(b) <u>xi tradizzjonijiet li kienu jsiru f'jum il-mejtin</u>
(ċ) il-foqra

2. Il-karità kienet tkun forma ta'
(a) <u>ikel</u>
(b) flus
(ċ) ħwejjeġ

3. Liema minn dan l-ikel mhuwiex imsemmi fis-silta?
(a) Minestra
(b) <u>Brodu</u>
(ċ) Ħanżir

4. Skont is-silta, il-ħaxix għall-minestra tal-erwieħ kien jitpoġġa fil-kardaruni
(a) mill-patrijiet Franġiskani
(b) <u>min-nies tar-raħal jew villaġġ</u>
(ċ) mill-bdiewa tar-raħal jew villaġġ

5. Il-ħanżir kien
(a) <u>jinxtara minn xi ħadd tat-tajjeb u jitimgħuh in-nies</u>
(b) jinxtara min-nies stess li jkunu sinjuri u jitimgħuh
(ċ) jinxtara mill-patrijiet Franġiskani u jitimgħuh in-nies

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ivvjaġġar JEW L-ambjent naturali.**

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-IVVJAĠĠAR**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Qatt kellek esperjenza li tivvjaġġa? Jekk iva, kif kienet din l-esperjenza? Jekk le, tixtieq li tivvjaġġa? Għaliex?
ii. F'liema staġuni tas-sena tħobb l-aktar tivvjaġġa? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tħobb/tixtieq l-aktar tivvjaġġa? Jekk f'pajjiżi tal-Ewropa, għaliex? Jekk f'pajjiżi lil hinn mill-Ewropa, għaliex?
iv. X'mezz/i ta' transport tippreferi/tixtieq tivvjaġġa bih/bihom? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li llimita jew affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin, kemm jekk għal xi vaganza u kemm jekk għal xogħol? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT NATURALI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Taħseb li l-ambjent naturali huwa importanti fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taħseb li l-bniedem kapaċi jkun ta' ostaklu għall-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
v. Fil-fehma tiegħek, x'taħseb li qiegħed isir sabiex nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin? Għaliex taħseb hekk? Jekk taħseb li mhux qiegħed isir biżżejjed jew saħansitra xejn, x'tipproponi li għandu jsir?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo**.

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-BILINGWIŻMU.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bil-kelma *bilingwiżmu*?
ii. Il-bilingwiżmu jista' jkun ta' xkiel għall-iżvilupp tal-ilsien Malti. Taqbel ma' dan? Jekk iva, x'jista' jkun dan l-ixkiel? Jekk ma taħsibx li jista' jkun ta' xkiel, għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġan Anton Vassallo**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠAN ANTON VASSALLO.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 19 jew 1817-1868)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (għall-poeżiji, għall-kitba ta' *Il-Ġifen Tork*)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1a** |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1) SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Mattia Preti f'Malta**

Huwa magħruf li Mattia Preti, artist Taljan ta' fama kbira, ġie jgħix għalkollox f'Malta fl-1661. Ix-xogħlijiet artistiċi tiegħu huma l-aktar ispirati mit-tekniki ta' Caravaggio. Fil-kuluri ġie wkoll ispirat minn artisti Venezjani. Il-kapolavur tiegħu f'Malta jinstab fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fejn f'perjodu ta' erba' snin, tana xogħol mill-isbaħ ta' arti Barokka. Fil-fatt, il-Konkatidral huwa meqjus bħala ġojjell tal-arti Barokka, arti meqjusa tal-istess livell għall-arti li nsibu fil-Kappella Sistina fil-Vatikan. F'erbgħin sena karriera, Preti wettaq għadd ta' xogħlijiet fi knejjes u kappelli Maltin.

**(Total: 2 marki)**

---

**2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ivvjaġġar JEW L-ambjent naturali**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1b** |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Melchiorre Gafà**

Melchiorre Gafà, imwieled fl-1636 ġewwa l-Birgu, huwa wieħed mill-aqwa skulturi Maltin. Ismu hu magħruf internazzjonalment fejn tidħol l-arti Barokka Rumana. Ta' tnejn u għoxrin sena mar Ruma fejn għex u ħadem sakemm miet f'età żgħira. Il-kawża ta' mewtu għadha sal-lum mhux stabbilita. Jingħad li miet wara li biċċa minn skultura ta' statwa kbira waqgħet fuqu. F'Malta xogħlu nsibuh fil-knisja ta' San Pawl fil-Belt Valletta u f'dik tad-Dumnikani. L-istatwa tal-irħam fl-għar ta' San Pawl fir-Rabat ukoll hi tiegħu għalkemm ma laħaqx lestieha.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Fil-lokalità ta' Wied il-Għajn, jew Marsascala, insibu ġojjel li nbena matul il-perjodu tal-Ingliżi f'Malta. Qegħdin nirreferu għall-Batterija taż-Żonqor, li sfortunatament illum il-ġurnata tinsab f'telqa kbira. Din il-batterija nbniet fl-1882 fl-ogħla parti tal-lokalità biex tiddefendi mill-għadu lill-bajja ta' Wied il-Għajn. Għandha forma ta' pentagon, jiġifieri b'ħamest iġnub u angoli, u huwa magħruf li kellha post għal tliet kanuni li qatt ma tpoġġew f'posthom. Għalkemm din il-batterija llum il-ġurnata hija mitluqa u użata għal skopijiet agrikoli u hija wkoll post tajjeb għall-kaċċa, bi ftit aċċessibilità għaliha, hija meqjusa bħala sit fost siti oħrajn ta' partimonju u wirt storiku.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) Wied il-Għajn
(b) <u>Il-Batterija taż-Żonqor</u>
(ċ) Marsascala

2. Skont is-silta l-batterija nbniet
(a) <u>fl-1882</u>
(b) fl-1888
(ċ) fl-1800

3. Il-batterija nbniet bl-iskop li
(a) ssebbaħ lill-bajja ta' Wied il-Għajn
(b) <u>tipproteġi lill-bajja ta' Wied il-Għajn mill-għadu</u>
(ċ) tiddefendi lill-bajja ta' Wied il-Għajn mill-ilsiera

4. Il-batterija hija mibnija fuq forma ta'
(a) <u>ħamest iġnub u ħames angoli</u>
(b) ħamest iġnub u erba' angoli
(ċ) ħamest iġnub u sitt angoli

5. Il-batterija nbniet bil-ħsieb li jkollha post
(a) għal tliet kanuni li tpoġġew kif inbniet
(b) <u>għal tliet kanuni li posthom baqa' vojt</u>
(ċ) għal tliet kanuni li tpoġġew ftit wara li nbniet

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent tad-dar JEW Il-kura tas-saħħa**.

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT TAD-DAR.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar li tgħix fiha? Għaliex hija daqshekk għal qalbek?
ii. X'tippreferi li tgħix f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Tippreferi li tgħix f'dar b'ħafna sulari jew pjan wieħed? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew antik? Għaliex? Jekk tippreferi taħlita ta' modern u antik, għaliex tippreferi hekk?
v. Fil-fehma tiegħek x'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Il-kura tas-saħħa**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-KURA TAS-SAĦĦA.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex taħseb li l-bniedem għandu jieħu ħsieb saħħtu? Taħseb li l-poplu Malti huwa konxju ta' saħħtu? Jekk iva, għaliex taħseb hekk? Jekk le, għaliex taħseb hekk?
ii. Taħseb li t-tip ta' ikel li nieklu għandu sehem importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna? Għaliex taħseb hekk?
iii. Taħseb li l-eżerċizzju fiżiku hu importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna? Għaliex taħseb hekk?
iv. Int x'tagħmel biex tieħu ħsieb ta' saħħtek?
v. Taħseb li l-kura tas-saħħa twasslek biex tevita mard fiżiku biss? Għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Dun Karm Psaila**.

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-MALTI SAFI.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Spjega x'tifhem meta ngħidu *Malti Safi*.
ii. L-ilsien Malti hu dak li hu sforz ta' taħlit lessikali u morfoloġiku minn ilsna barranin. Kemm taħseb li tagħmel sens l-idea ta' Malti Safi meta nafu b'dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Dun Karm Psaila**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq DUN KARM PSAILA.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1871-1961)
ii. X'kien il-kontribut ta' Dun Karm Psaila għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (il-kitba tal-*Innu Malti*, poeżiji, dizzjunarju)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

ĊES22/1ok1b.17m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1b** |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Melchiorre Gafà**

Melchiorre Gafà, imwieled fl-1636 ġewwa l-Birgu, huwa wieħed mill-aqwa skulturi Maltin. Ismu hu magħruf internazzjonalment fejn tidħol l-arti Barokka Rumana. Ta' tnejn u għoxrin sena mar Ruma fejn għex u ħadem sakemm miet f'età żgħira. Il-kawża ta' mewtu għadha sal-lum mhux stabbilita. Jingħad li miet wara li biċċa minn skultura ta' statwa kbira waqgħet fuqu. F'Malta xogħlu nsibuh fil-knisja ta' San Pawl fil-Belt Valletta u f'dik tad-Dumnikani. L-istatwa tal-irħam fl-għar ta' San Pawl fir-Rabat ukoll hi tiegħu għalkemm ma laħaqx lestieha.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent tad-dar JEW Il-kura tas-saħħa**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Dun Karm Psaila**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1ċ** |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Emvin Cremona**

Fost bosta artisti Maltin li ra s-seklu għoxrin insibu lil Emvin Cremona. Huwa twieled fl-1919. Il-ħidma artistika tiegħu nsibuha f'diversi knejjes Maltin, fosthom f'dik ta' Pinu, f'Għawdex. Ħidmitu nsibuha wkoll f'pitturi tal-pajsaġġ u f'dawk astratti. Studja l-arti f'Ruma, Londra u għal żmien qasir f'Pariġi. Interessanti huwa l-fatt li l-arti tiegħu nsibuha wkoll fuq diversi bolol Maltin. Għal perjodu twil ta' ftit aktar minn għoxrin sena, Cremona ħadem flimkien mad-dipartiment tal-posta bħala disinjatur tal-bolli fejn iddisinja madwar mija u sebgħin bolla differenti.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin jistgħu jibbenefikaw minn skontijiet fuq diversi oġġetti u servizzi permezz tal-Karta Żgħażagħ. Fost dawn insibu skontijiet fuq lukandi, restoranti, u mużewijiet kemm f'Malta u kemm lil hinn minn xtutna. Fil-fatt, jistgħu jibbenefikaw minn sittin elf skont, f'sitta u tletin pajjiż Ewropew, waqt li jkunu qegħdin iżuru dawn il-pajjiżi fuq vaganza jew studju. L-Aġenzija Żgħażagħ setgħet toffri dan billi ssieħbet mal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kards għaż-Żgħażagħ. Dan wassal sabiex iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin ikunu bħal żgħażagħ oħra Ewropej. L-għan tal-Karta Żgħażagħ hu biex tippromwovi aktar mobilità, tiżdied l-informazzjoni fuq iż-żgħażagħ, kif ukoll timmotiva liż-żgħażagħ sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet f'pajjiżi barranin.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F’każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta’ wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-Karta Anzjan
(b) il-Karta Żgħażagħ
(ċ) il-karta tal-identità

2. Il-Karta Żgħażagħ toffri skontijiet fuq diversi oġġetti u servizzi. Liema minn dawn huma msemmija fis-silta?
(a) Skontijiet fuq lukandi, restoranti, u mużewijiet
(b) Skontijiet fuq trasport u kotba
(ċ) Skontijiet fuq kotba u ħwejjeġ

3. Il-Karta Żgħażagħ tista’ tintuża
(a) f’Malta u Għawdex biss
(b) fil-Gżejjer Maltin u f’pajjiżi oħra Ewropej
(ċ) f’pajjiżi ’l barra mill-Ewropa

4. F’kemm pajjiżi Ewropej iż-żgħażagħ jistgħu jibbenefikaw mill-iskontijiet?
(a) F’sitta u tletin pajjiż Ewropew
(b) Fi tlieta u sittin pajjiż Ewropew
(ċ) Fi tlieta u ħamsin pajjiż Ewropew

5. Skont is-silta l-Karta Żgħażagħ għandha diversi għanijiet. Liema minn dawn mhumiex imsemmija fis-silta?
(a) Tippromwovi aktar mobilità u tiżdied l-informazzjoni fuq iż-żgħażagħ
(b) Timmotiva liż-żgħażagħ sabiex jipparteċipaw f’attivitajiet f’pajjiżi barranin
(ċ) Tħarreġ liż-żgħażagħ jitgħallmu aktar lingwi u jsiru midħla ta’ aktar kulturi

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Iż-żgħożija JEW L-edukazzjoni**.

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IŻ-ŻGĦOŻIJA.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'taħseb li huma d-drittijiet u d-doveri li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. Jingħad li matul iż-żgħożija ftit tifhem lil min hu adult. Għaliex taħseb li jiġri dan? X'jista' jsir biex iż-żgħażagħ u l-adulti jaslu jifhmu aktar lil xulxin?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-EDUKAZZJONI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Kemm taħseb li hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem? Għaliex taħseb hekk?
ii. Fil-fehma tiegħek l-edukazzjoni minn fejn għandha tibda l-ewwel, mid-dar jew mill-iskola? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi biss? Għaliex taħseb hekk?
iv. Huma ħafna dawk li jgħidu li huwa importanti li jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Taħseb li llum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Aquilina.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IT-TAGĦLIM TAL-LINGWI BARRANIN.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Fil-fehma tiegħek għaliex bosta jsostnu li hu importanti li persuna titgħallem ħafna lingwi barranin?
ii. X'taf tgħidli dwar it-tagħlim tal-lingwi barranin fil-Gżejjer Maltin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġużè Aquilina**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠUŻÈ AQUILINA.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1911-1997)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **1ċ** |
| DATA: | 20 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Emvin Cremona**

Fost bosta artisti Maltin li ra s-seklu għoxrin insibu lil Emvin Cremona. Huwa twieled fl-1919. Il-ħidma artistika tiegħu nsibuha f'diversi knejjes Maltin, fosthom f'dik ta' Pinu, f'Għawdex. Ħidmitu nsibuha wkoll f'pitturi tal-pajsaġġ u f'dawk astratti. Studja l-arti f'Ruma, Londra u għal żmien qasir f'Pariġi. Interessanti huwa l-fatt li l-arti tiegħu nsibuha wkoll fuq diversi bolol Maltin. Għal perjodu twil ta' ftit aktar minn għoxrin sena, Cremona ħadem flimkien mad-dipartiment tal-posta bħala disinjatur tal-bolli fejn iddisinja madwar mija u sebgħin bolla differenti.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Iż-żgħożija JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Aquilina**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2a** |
| DATA: | 21 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Robert Sammut**

L-isem ta' Robert Sammut wieħed mill-ewwel jassoċjah mal-kitba tal-mużika tal-Innu Malti. Madankollu, għalkemm il-mużika dejjem kienet f'qalbu, huwa kien ukoll tabib. Ta s-servizz mediku tiegħu wkoll fir-reġiment Malti ta' King's Own, l-aktar matul l-Ewwel Gwerra Dinjija. Iżda interessanti huwa l-fatt li kien ukoll meqjus bħala eroj. Dan għaliex ta' qalbieni li kien, mar jagħti l-għajnuna tiegħu f'Messina, wara t-terrimot li kien sar fl-1908. Għal dan l-aġir erojku tiegħu ngħata d-diploma tas-Salib l-Aħmar kif ukoll it-titlu ta' Kavallier Uffiċjali tal-Kuruna Taljana mir-Re tal-Italja.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Kellimni.com huwa servizz offrut l-aktar liż-żgħażagħ u huwa mmexxi flimkien ma' SOS Malta, is-Sależjani ta' Don Bosco, l-Aġenzija Appoġġ, u l-Aġenzija Żgħażagħ. Huwa servizz mingħajr ħlas li jagħti widen liż-żgħażagħ dwar diffikultajiet u problemi li jiġu wiċċ imb wiċċ magħhom. L-għajnuna tingħata minn nies professjonali u s-servizz jisħaq li ż-żgħażagħ ikunu jafu li dak li jgħidu jibqa' f'kunfidenzjalità assoluta. Iż-żgħażagħ jistgħu jagħmlu użu minn dan is-servizz permezz ta' ittra elettronika. Iżda jistgħu jiċċettjaw jew jibagħtu messaġġ lin-nies li huma mħarrġa apposta. Dan kollu jsir b'mod anonimu biex iż-żgħażagħ iħossuhom komdi jesprimu ruħhom dwar dak li jkun qiegħed jinkwetahom u jxekkilhom.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) <u>servizz ta' għajnuna mogħti liż-żgħażagħ</u>
(b) servizz ta' għajnuna mogħti lill-anzjani
(ċ) servizz ta' għajnuna mogħti lit-tfal

2. Kellimni.com huwa servizz li jitmexxa minn għaqdiet u aġenziji differenti. Liema minn dawn mhumiex imsemmija fis-silta?
(a) Aġenzija Appoġġ u SOS Malta
(b) Is-Sależjani ta' Don Bosco u Aġenzija Żgħażagħ
(ċ) <u>Is-Sedqa u l-Caritas</u>

3. Is-servizz joffri liż-żgħażagħ
(a) konformità assoluta
(b) <u>kunfidenzjalità assoluta</u>
(ċ) ħelsien assolut

4. Iż-żgħażagħ jistgħu jikkuntattjaw u jikkomunikaw ma' Kellimni.com
(a) b'telefonata jew b'ittra tradizzjonali
(b) <u>b'ittra elettronika, messaġġ, jew permezz ta' *chatting*</u>
(ċ) billi jmorru personalment ifittxu lill-persuni mħarrġa

5. Skont is-silta, biex iż-żgħażagħ jieħdu dan is-servizz u jħossuhom komdi jistgħu
(a) jagħtu l-identità tagħhom
(b) juru minn huma
(ċ) <u>ma jagħtux l-identità tagħhom jew ma jurux min huma</u>

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Il-ġrajjiet kurrenti JEW L-ambjent naturali**.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-ĠRAJJIET KURRENTI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi ġrajjiet kurrenti? Taħseb li huwa importanti li persuna tkun aġġornata mal-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?
ii. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni ta' dak li jkun? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taf tgħidli dwar xi ġrajja kurrenti dinjija li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?
v. Taf tgħidli dwar xi ġrajja kurrenti lokali li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?

**JEW**

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT NATURALI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Taħseb li l-ambjent naturali huwa importanti fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taħseb li l-bniedem kapaċi jkun ta' ostaklu għall-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
v. Fil-fehma tiegħek, x'taħseb li qiegħed isir sabiex nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin? Għaliex taħseb hekk? Jekk taħseb li mhux qiegħed isir biżżejjed jew saħansitra xejn, x'tipproponi li għandu jsir?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-BILINGWIŻMU**. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Fil-Gżejjer Maltin l-ilsien Malti huwa l-ilsien nazzjonali filwaqt li l-Malti u l-Ingliż huma l-ilsna uffiċjali. X'taħseb li huma l-benefiċċji li l-poplu Malti, bħala poplu bilingwi, jista' jakkwista mill-fatt li l-Ingliż huwa wkoll lingwa uffiċjali tagħna, minbarra li hu lingwa internazzjonali?
ii. Taħseb li hija realtà f'pajjiżna li ċerti Maltin iħarsu lejn l-Ingliż bħala superjuri għall-Malti jew bil-kontra, jiġifieri l-Malti superjuri għall-Ingliż? Jekk iva, għaliex taħseb hekk u x'jikkawża dan? Jekk le, għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠAN FRANĠISK AGIUS DE SOLDANIS.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ġan Franġisk Agius de Soldanis għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2a** |
| DATA: | 21 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1) SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Robert Sammut**

L-isem ta' Robert Sammut wieħed mill-ewwel jassoċjah mal-kitba tal-mużika tal-Innu Malti. Madankollu, għalkemm il-mużika dejjem kienet f'qalbu, huwa kien ukoll tabib. Ta s-servizz mediku tiegħu wkoll fir-reġiment Malti ta' King's Own, l-aktar matul l-Ewwel Gwerra Dinjija. Iżda interessanti huwa l-fatt li kien ukoll meqjus bħala eroj. Dan għaliex ta' qalbieni li kien, mar jagħti l-għajnuna tiegħu f'Messina, wara t-terrimot li kien sar fl-1908. Għal dan l-aġir erojku tiegħu ngħata d-diploma tas-Salib l-Aħmar kif ukoll it-titlu ta' Kavallier Uffiċjali tal-Kuruna Taljana mir-Re tal-Italja.

**(Total: 2 marki)**

---

**2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-ġrajjiet kurrenti JEW L-ambjent naturali**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **2b** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 21 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-ikel f'Malta matul it-Tieni Gwerra Dinjija**

Hekk kif il-Gżejjer Maltin sfaw vittma tat-Tieni Gwerra Dinjija l-ikel beda jonqos ħafna. Għaldaqstant, bdiet is-sistema ta' tisjir komunitarju sabiex titnaqqas il-ħala. Dan wassal biex jitwaqqfu dawk il-kċejjen komunitarji li kienu magħrufa bħala l-*Victory Kitchens*. L-ewwel kċina komunitarja għall-poplu Malti nfetħet fl-1942 f'Ħal Lija. Xhur wara nfetħu b'kollox tnejn u erbgħin waħda f'diversi villaġġi u rħula Maltin. F'dan iż-żmien il-pieni kienu ħorox għal min kien jinqabad jisraq l-ikel. Serqa ta' biċċtejn ħobż setgħet twasslek għal erba' xhur ħabs.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-bniedem jagħmel ħażin jekk jieħu ħafna melħ. Ammont kbir ta' melħ, li jista' jintuża mat-tisjir jew jiżdied mal-ikel servut, jista' joħloq problemi serji għas-saħħa. Ħafna melħ iwassal sabiex jgħolli l-pressjoni. Pressjoni għolja tista' toħloq mard serju fosthom mard tal-qalb, telf ta' kalċju li jikkawża dgħufija fil-għadam, kanser fl-istonku, obeżità u wkoll jiżdiedu s-sintomi tal-ażma. Studji ppubblikati mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa jsostnu li l-adulti m'għandhom qatt jieħdu aktar minn ħames grammi kuljum ta' melħ, u min hu żgħir ferm inqas. Konxji ta' dan, fl-Ewropa kollha inkluż pajjiżna, il-konsumatur għandu ċ-ċans li jixtri prodotti li ma jkollhomx melħ jew li jkollhom ftit ħafna.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) il-ħsara li jagħmel il-melħ
(b) il-ħsara li jagħmel il-melħ u kif tevita l-mard li jikkawża
(ċ) il-ħsara li l-bniedem jagħmel meta jieħu ftit melħ

2. Konsum ta' ħafna melħ l-ewwel jikkawża
(a) pressjoni baxxa
(b) pressjoni għolja
(ċ) mard tal-qalb

3. Pressjoni għolja tikkawża mard differenti. Liema minn dan il-mard mhuwiex imsemmi fis-silta?
(a) mard tal-qalb u dgħufija fil-għadam b'nuqqas ta' kalċju
(b) kanser fl-istonku, obeżità u żieda fis-sintomi tal-ażma
(ċ) dijabete, artrite, u rewmatiżmu

4. Il-konsumatur għandu l-opportunità li
(a) jixtri prodotti b'ħafna jew ftit melħ
(b) jixtri prodotti melħin jew b'ħafna melħ
(ċ) jixtri prodotti mingħajr jew bi ftit melħ

5. Studji mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa jsostnu li
(a) l-adulti u t-tfal għandhom jieħdu sa ħames grammi melħ kuljum
(b) l-adulti għandhom jieħdu sa ħames grammi melħ kuljum u t-tfal ħafna inqas
(ċ) l-adulti jistgħu jieħdu aktar minn ħames grammi melħ kuljum

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Ix-xiri JEW L-ivvjaġġar**.

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IX-XIRI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Int tħobb tixtri l-aktar billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

**JEW**

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-IVVJAĠĠAR**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Qatt kellek esperjenza li tivvjaġġa? Jekk iva, kif kienet din l-esperjenza? Jekk le, tixtieq li tivvjaġġa? Għaliex?
ii. F'liema staġuni tas-sena tħobb/tixtieq l-aktar tivvjaġġa? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tħobb/tixtieq l-aktar tivvjaġġa? Jekk f'pajjiżi tal-Ewropa, għaliex? Jekk f'pajjiżi lil hinn mill-Ewropa, għaliex?
iv. X'mezz/i ta' transport tippreferi/tixtieq tivvjaġġa bih/bihom? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li llimita jew affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin, kemm jekk għal xi vaganza u kemm jekk għal xogħol? Għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Malti Safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi.**

**Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-MALTI SAFI**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'kien il-ħsieb ewlieni ta' dawk li ħadmu sabiex ikollna Malti Safi? Kemm taħseb li dan il-ħsieb jagħmel sens meta tikkonsidra l-iżvilupp storiku ta' kif żviluppa lsienna?
ii. Lingwa tibqa' ħajja sakemm jibqa' jużaha l-poplu u għalhekk tibqa' taġġorna ruħha wkoll billi tagħmel tagħha kliem ta' nisel barrani. Kemm taqbel ma' dan meta tikkunsidrah fid-dawl tal-Malti Safi?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġużè Muscat Azzopardi**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1853-1927)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (ir-rumanzi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2b** |
| DATA: | 21 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1) SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-ikel f'Malta matul it-Tieni Gwerra Dinjija**

Hekk kif il-Gżejjer Maltin sfaw vittma tat-Tieni Gwerra Dinjija l-ikel beda jonqos ħafna. Għaldaqstant, bdiet is-sistema ta' tisjir komunitarju sabiex titnaqqas il-ħala. Dan wassal biex jitwaqqfu dawk il-kċejjen komunitarji li kienu magħrufa bħala l-*Victory Kitchens*. L-ewwel kċina komunitarja għall-poplu Malti nfetħet fl-1942 f'Ħal Lija. Xhur wara nfetħu b'kollox tnejn u erbgħin waħda f'diversi villaġġi u rħula Maltin. F'dan iż-żmien il-pieni kienu ħorox għal min kien jinqabad jisraq l-ikel. Serqa ta' biċċtejn ħobż setgħet twasslek għal erba' xhur ħabs.

**(Total: 2 marki)**

---

**2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Ix-xiri JEW L-ivvjaġġar**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Malti Safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

ĊES22/1oe2ċ.17m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2ċ** |
| DATA: | 21 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-korp tal-pulizija f'Malta**

Il-korp tal-pulizija fil-Gżejjer Maltin kif nafuh illum imur lura bosta snin. Bħala korp jaf il-bidu tiegħu propju taħt l-Ingliżi. Kien il-Gvernatur Ingliż ta' dak iż-żmien, Sir Thomas Maitland, li permezz ta' proklama stabbilixxa l-korp fis-sena 1814. Il-korp kompla jiżviluppa mal-mogħdija taż-żmien billi fil-qadi tiegħu kellu jirrispetta u jsegwi l-ordnijiet tal-Gvernatur Ingliż. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, meta l-Gżejjer Maltin ingħataw gvern lokali, il-korp sar responsabilità tal-istess gvern. Fil-fatt, il-korp waqa' f'idejn Alfredo Caruana Gatto, li kien maħtur bħala l-ewwel ministru responsabbli mill-ġustizzja u l-pulizija.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-ħaxix u l-frott huma parti essenzjali mid-dieta tal-bniedem. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda li bniedem għandu jikkonsma mill-inqas ħames porzjonijiet ta' ħaxix u frott kuljum. Dan jiġifieri tliet porzjonijiet ta' ħaxix u żewġ porzjonijiet ta' frott. Ir-raġuni għal dan hija li l-ħaxix u l-frott fil-ġisem tal-bniedem inaddfu s-sistema mill-antiossidanti, jiġifieri mill-fdalijiet tossiċi fis-sistema, kif ukoll joffru ammont kbir ta' fibra li hija essenzjali sabiex tirregola u tinnormalizza s-sistema diġestiva. Barra minn hekk, il-fibra tnaqqas il-livell ta' kolesterol, tikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm, u tgħin biex jintlaħaq il-piż xieraq li bniedem irid ikollu. Il-ħaxix u l-frott jistgħu wkoll jittieħdu fil-forma magħsura għax-xorb għax xorta joffru l-istess benefiċċji.

*L-eżaminatur jgħid:* **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) il-ħtieġa li tiekol ħafna għal saħħitna
(b) il-ħtieġa li tiekol frott u ħaxix kif ukoll dwar il-benefiċċji tagħhom għal saħħitna
(ċ) il-ħtieġa li tiekol il-ħaxix u l-benefiċċji tiegħu għal saħħitna

2. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda li mill-inqas il-bniedem għandu jiekol
(a) ħames porzjonijiet kuljum ta' ħaxix u frott
(b) sitt porzjonijiet kuljum ta' ħaxix u frott
(ċ) għaxar porzjonijiet kuljum ta' ħaxix u frott

3. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tqassam dawn il-porzjonijiet ta' ħaxix u frott billi tisħaq
(a) li jittiekel ammont aktar ta' frott u ftit anqas ħaxix
(b) li jittiekel ammont aktar ta' ħaxix u ftit anqas frott
(ċ) li jittiekel l-istess ammont ta' ħaxix u frott

4. Il-konsum ta' ħaxix u frott fid-dieta tagħna jgħin lis-sistema
(a) sabiex titnaddaf mill-antiossidanti u żżid fil-fibra
(b) sabiex titnaddaf mill-fdalijiet tossiċi u tnaqqas mill-fibra
(ċ) sabiex titnaddaf mill-antiossidanti u żżid iċ-ċelloli ħomor tad-demm

5. Skont is-silta, il-fibra hija essenzjali u għandha ħafna benefiċċji għas-saħħa. Liema minn dawn il-benefiċċji mhumiex imsemmija fis-silta?
(a) Li tirregola u tinnormalizza s-sistema diġestiva kif ukoll tnaqqas il-livell ta' kolesterol
(b) Li tikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm u tirregola l-piż
(ċ) Li tikkontrolla ċ-ċelloli ħomor tad-demm u l-livell tal-kalċju

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW Iż-żgħożija**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT NATURALI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Taħseb li l-ambjent naturali huwa importanti fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taħseb li l-bniedem kapaċi jkun ta' ostaklu għall-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
v. Fil-fehma tiegħek, x'taħseb li qiegħed isir sabiex nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin? Għaliex taħseb hekk? Jekk taħseb li mhux qiegħed isir biżżejjed jew saħansitra xejn, x'tipproponi li għandu jsir?

**JEW**

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IŻ-ŻGĦOŻIJA.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'taħseb li huma d-drittijiet u d-doveri li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu qed jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. Jingħad li matul iż-żgħożija ftit tifhem lil min hu adult. Għaliex taħseb li jiġri dan? X'jista' jsir biex iż-żgħażagħ u l-adulti jaslu jifhmu aktar lil xulxin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IT-TAGĦLIM TAL-LINGWI BARRANIN**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Ma tistax tifred lingwa mill-kultura ta' dak il-pajjiż li jitkellimha. Kemm taqbel ma' dan meta tqisu fil-proċess tat-tagħlim ta' lingwi barranin? Taħseb li huwa importanti u ta' għajnuna li ssir midħla tal-kultura ta' dak il-pajjiż barrani li tiegħu tkun qed titgħallem il-lingwa?
ii. Hemm vantaġġi fil-fatt li titgħallem lingwi barranin? Jekk iva, x'inhuma dawn il-vantaġġi? Jekk le, għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ninu Cremona**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq NINU CREMONA.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1880-1972)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ninu Cremona għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (il-grammatika, l-ortografija)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **2ċ** |
| DATA: | 21 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-korp tal-pulizija f'Malta**

Il-korp tal-pulizija fil-Gżejjer Maltin kif nafuh illum imur lura bosta snin. Bħala korp jaf il-bidu tiegħu propju taħt l-Ingliżi. Kien il-Gvernatur Ingliż ta' dak iż-żmien, Sir Thomas Maitland, li permezz ta' proklama stabbilixxa l-korp fis-sena 1814. Il-korp kompla jiżviluppa mal-mogħdija taż-żmien billi fil-qadi tiegħu kellu jirrispetta u jsegwi l-ordnijiet tal-Gvernatur Ingliż. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, meta l-Gżejjer Maltin ingħataw gvern lokali, il-korp sar responsabilità tal-istess gvern. Fil-fatt, il-korp waqa' f'idejn Alfredo Caruana Gatto, li kien maħtur bħala l-ewwel ministru responsabbli mill-ġustizzja u l-pulizija.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW Iż-żgħożija**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **3a** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 22 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-imtieħen tar-riħ fil-Gżejjer Maltin**

Malta u Għawdex raw l-ewwel imtieħen tar-riħ matul il-perjodu tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. L-imtieħen inbnew permezz ta' żewġ fondazzjonijiet ewlenin, jiġifieri l-Fondazzjoni Kotoner li bniet l-ewwel imtieħen fl-1674 u l-Fondazzjoni Manoel. Din tal-aħħar kompliet tibni oħrajn f'diversi villaġġi u rħula Maltin u Għawdxin. Sal-bidu tas-seklu dsatax kien hawn b'kollox sitta u għoxrin mitħna tar-riħ. Maż-żmien bosta minnhom iġġarrfu. Madankollu, għadna nsibu xi wħud li baqgħu jaħdmu u saħansitra sarilhom restawr, bħal pereżempju l-mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq u dik Ta' Kola fix-Xagħra Għawdex.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Id-dar Osanna Pia li tinsab Tas-Sliema hija mmexxija mis-Sależjani ta' Don Bosco li dejjem ħadmu u għadhom jaħdmu għall-ġid taż-żgħażagħ fil-bżonn. Din id-dar kienet ta' Osanna Pia Bell, Awstraljana li ġiet tgħix Malta lejn l-aħħar tal-1930 u li għexet fiha għal bosta snin. Wara mewtha xtaqet li darha tħalliha lis-Sależjani sabiex tintuża u tilqa' fiha żgħażagħ subien li jiġu wiċċ imb wiċċ ma' diffikultajiet, u li ma jkollhomx saqaf fuq rashom jew x'jieklu. Id-dar infetħet uffiċjalment fit-tmeninijiet. Sal-lum għadha tilqa' subien minn tmintax-il sena 'l fuq li jfittxu l-għajnuna speċjali u rifuġju mis-Sależjani sabiex jerġgħu jibdew ħajja ġdida fis-soċjetà.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) is-subien ta' tmintax-il sena
(b) id-dar Osanna Pia
(ċ) is-Sależjani

2. Skont is-silta, id-dar ingħatat lis-Sależjani ta' Don Bosco mill-Awstraljana Osanna Pia Bell li ġiet tgħix Malta
(a) fl-aħħar tas-sena 1930
(b) fil-bidu tas-sena 1930
(ċ) fl-aħħar tas-sena 1931

3. Id-dar Osanna Pia uffiċjalment infetħet
(a) fis-sittinijiet
(b) fit-tmeninijiet
(ċ) fid-disgħinijiet

4. Id-dar tilqa' fiha żgħażagħ
(a) minn tmintax-il sena 'l fuq
(b) ta' tmintax-il sena biss
(ċ) minn sittax-il sena'l fuq

5. Id-dar Osanna Pia bl-għajnuna tas-Sależjani ta' Don Bosco tilqa' fiha u tagħti refuġju
(a) liż-żgħażagħ bi problemi, tant li ma jkollhomx x'jieklu u fejn joqogħdu
(b) liż-żgħażagħ subien bi problemi li ma jkollhomx x'jieklu u fejn joqogħdu
(ċ) lit-tfal orfni li ma jkollhomx x'jieklu u fejn joqogħdu

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Id-divertiment JEW Il-kura tas-saħħa**.

**Id-divertiment**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ID-DIVERTIMENT.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Int kif tħobb tiddeverti l-aktar?
ii. Issib ħin fil-ġurnata tiegħek għad-divertiment jew il-ħin għad-divertiment ikollok tagħmlu int? Jekk issib ħin, kif tagħmel biex issibu? Jekk il-ħin ikollok tagħmlu int, x'inhi r-raġuni għal dan?
iii. Il-bniedem bix-xogħol biss u mingħajr divertiment jinħakem minn ansjetà u stress. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Taħseb li t-tip ta' divertiment li jfittxu ż-żgħażagħ huwa differenti minn dak li jfittxu l-adulti? Għaliex taħseb hekk?
v. X'taħseb dwar il-postijiet ta' divertiment għaż-żgħażagħ li għandna f'pajjiżna?

**JEW**

**Il-kura tas-saħħa**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-KURA TAS-SAĦĦA.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex taħseb li l-bniedem għandu jieħu ħsieb saħħtu? Taħseb li l-poplu Malti huwa konxju ta' saħħtu? Għaliex taħseb hekk?
ii. Taħseb li t-tip ta' ikel li nieklu għandu sehem importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna? Għaliex taħseb hekk?
iii. Taħseb li l-eżerċizzju fiżiku hu importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna? Għaliex?
iv. Int x'tagħmel biex tieħu ħsieb ta' saħħtek?
v. Taħseb li l-kura tas-saħħa twasslek biex tevita mard fiżiku biss? Għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon**.

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-BILINGWIŻMU.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Bosta jisħqu dwar l-użu tal-Malti u tal-Ingliż f'ħinhom u f'waqthom mingħajr ma jkun hemm taħlit ta' Malti u Ingliż f'daqqa. Int x'taħseb dwar dan, u x'jistgħu jkunu l-problemi li jinħolqu meta jkun hemm l-użu tal-Malti u l-Ingliż f'daqqa saħansitra f'sentenza waħda?
ii. Il-bilingwiżmu jwassal sabiex individwu jkollu kompetenza sħiħa u ugwali fiż-żewġ lingwi. X'tifhem b'kompetenza sħiħa? Taqbel li din il-kompetenza bilfors trid tkun ugwali, jiġifieri jkun hemm għarfien taż-żewġ lingwi indaqs? Taħseb li l-poplu Malti kollu għandu għarfien ibbilanċjat u ndaqs taż-żewġ ilsna, il-Malti u l-Ingliż?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Pietru Pawl Saydon**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq PIETRU PAWL SAYDON.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1895-1971)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (it-traduzzjoni tal-Bibbja)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3a** |
| DATA: | 22 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-imtieħen tar-riħ fil-Gżejjer Maltin**

Malta u Għawdex raw l-ewwel imtieħen tar-riħ matul il-perjodu tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. L-imtieħen inbnew permezz ta' żewġ fondazzjonijiet ewlenin, jiġifieri l-Fondazzjoni Kotoner li bniet l-ewwel imtieħen fl-1674 u l-Fondazzjoni Manoel. Din tal-aħħar kompliet tibni oħrajn f'diversi villaġġi u rħula Maltin u Għawdxin. Sal-bidu tas-seklu dsatax kien hawn b'kollox sitta u għoxrin mitħna tar-riħ. Maż-żmien bosta minnhom iġġarrfu. Madankollu, għadna nsibu xi wħud li baqgħu jaħdmu u saħansitra sarilhom restawr, bħal pereżempju l-mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq u dik Ta' Kola fix-Xagħra Għawdex.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Id-divertiment JEW Il-kura tas-saħħa**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3b** |
| DATA: | 22 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-konvoj ta' Santa Marija**

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Gżejjer Maltin ġew attakkati bl-aħrax mill-għadu. Fis-sena 1942, is-sitwazzjoni kienet ferm agħar. L-attakki mill-ajru kienu qliel tant li ma ħallewx numru ta' bastimenti merkantili javviċinaw il-port. B'hekk beda jonqos l-ikel kif ukoll l-armamenti u provvisti oħrajn. F'Awwissu tal-istess sena daħlu erba' bastimenti, wieħed minnhom wasal fil-ħmistax ta' Awwissu kważi mgħerreq, propju fil-festa ta' Santa Marija. Fost l-affarijiet li kellu fuqu, kien hemm l-ikel. Dan il-Maltin qisuh bħala miraklu tant li dan il-konvoj baqa' magħruf bħala l-konvoj ta' Santa Marija.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-psikoloġija hija xjenza li tistudja l-moħħ u l-imġiba tal-bniedem kif ukoll tal-annimali. Jekk nieħdu l-bniedem, moħħu huwa kumpless u ftit għadhom skoprew fuqu. Il-moħħ tista' tarah imma l-ħsibijiet, l-emozzjonijiet, il-memorji, il-ħolm ma nistgħux narawhom b'mod fiżiku. Madankollu, dawn joħorġu ċar fl-imġiba tal-bniedem. Hawn fejn tidħol il-psikoloġija, għaliex għall-psikoloġist, l-imġiba tal-bniedem hija evidenza, jew indikazzjoni, ta' kif ikun qed jaħdem il-moħħ. Insibu diversi fergħat tal-psikoloġija. Fosthom insibu l-psikoloġija klinika. Fil-psikoloġija klinika l-psikoloġist jipprova jifhem u jevita kundizzjonijiet ta' niket, stress, jew dipressjoni tal-pazjent, u jwasslu jifhem x'qed jikkawża dan biex jiżviluppa fih innifsu. Dan jagħmlu permezz ta' assessjar psikoloġiku u l-psikoterapija.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) <u>il-psikoloġija</u>
(b) il-psikjatrija
(ċ) il-psikoterapija

2. Il-psikoloġija hija xjenza li tistudja
(a) l-moħħ u l-imġiba tal-bniedem
(b) <u>l-moħħ u l-imġiba tal-bniedem kif ukoll tal-annimali</u>
(ċ) l-moħħ u l-imġiba tal-annimali

3. Ix-xjenza tal-psikoloġija tistudja moħħ il-bniedem permezz
(a) <u>tal-imġiba tiegħu li tirrifletti aspetti li ma narawhomx</u>
(b) tal-imġiba tiegħu li tirrifletti aspetti li huma fiżiċi
(ċ) tal-azzjonijiet fiżiċi tiegħu mingħajr ma tistudja x'jikkawżahom

4. Hemm diversi fergħat tal-psikoloġija. Fost dawn, is-silta ssemmi
(a) l-psikoloġija konjuttiva
(b) <u>l-psikoloġija klinika</u>
(ċ) l-psikoloġija metakonjuttiva

5. Skont is-silta, liema minn dawn ma jagħmilx l-psikoloġist fil-psikoloġija klinika?
(a) Jipprova jifhem u jevita kundizzjonijiet ta' niket, stress, jew dipressjoni tal-pazjent
(b) Iwassal lill-pazjent jifhem x'qed jikkawża n-niket, stress, jew dipressjoni
(ċ) <u>Jipprova jifhem lill-pazjent u jagħtih il-mediċini skont il-kundizzjonijiet tiegħu biex jiżviluppa fih innifsu</u>

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent tad-dar JEW L-edukazzjoni**.

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT TAD-DAR.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar li tgħix fiha? Għaliex hija daqshekk għal qalbek?
ii. Fejn tippreferi tgħix: f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Tippreferi tgħix f'dar b'ħafna sulari jew waħda bi pjan wieħed? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew antik? Għaliex? Jekk tippreferi taħlita ta' modern u antik, għaliex tippreferi hekk?
v. Fil-fehma tiegħek x'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-EDUKAZZJONI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Kemm taħseb li hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem? Għaliex taħseb hekk?
ii. Fil-fehma tiegħek l-edukazzjoni minn fejn għandha tibda l-ewwel, mid-dar jew mill-iskola? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi biss? Għaliex taħseb hekk?
iv. Huma ħafna dawk li jgħidu li huwa importanti li jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol. Taqbel ma' dan? Għaliex taħseb hekk?
v. Taħseb li llum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**((b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Mikiel Anton Vassalli.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-MALTI SAFI.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Irrilevanti jekk il-kelma tkunx barranija, mislufa, qadima jew ġdida, jekk tkun taqbel ma' dak il-leħen u l-aċċent li jridhom l-ilsien Malti, nistgħu ngħidu li tieħu s-sura Maltija u titqies bħala Malti safi. Taħseb li dan imur kontra jew favur l-ideal li kellhom il-puristi fejn jidħol l-ilsien Malti? Għaliex?
ii. Fil-fehma tiegħek, x'jiġri meta nużaw kliem barrani avolja jkun hemm kliem Malti li jkollu l-istess tifsira? Taħseb li permezz ta' dan inkunu qegħdin insaħħu l-ilsien Malti? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Mikiel Anton Vassalli**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq MIKIEL ANTON VASSALLI.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 18 u 19 jew 1764-1829)
ii. X'kien il-kontribut ta' Mikiel Anton Vassalli għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (dizzjunarju, grammatika)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **3b** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 22 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1) SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-konvoj ta' Santa Marija**

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Gżejjer Maltin ġew attakkati bl-aħrax mill-għadu. Fis-sena 1942, is-sitwazzjoni kienet ferm agħar. L-attakki mill-ajru kienu qliel tant li ma ħallewx numru ta' bastimenti merkantili javviċinaw il-port. B'hekk beda jonqos l-ikel kif ukoll l-armamenti u provvisti oħrajn. F'Awwissu tal-istess sena daħlu erba' bastimenti, wieħed minnhom wasal fil-ħmistax ta' Awwissu kważi mgħerreq, propju fil-festa ta' Santa Marija. Fost l-affarijiet li kellu fuqu, kien hemm l-ikel. Dan il-Maltin qisuh bħala miraklu tant li dan il-konvoj baqa' magħruf bħala l-konvoj ta' Santa Marija.

**(Total: 2 marki)**

---

**2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent tad-dar JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Mikiel Anton Vassalli**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **3ċ** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 22 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-muxrabija**

F'madwar sitta u tletin propjetà f'diversi villaġġi u rħula Maltin u Għawdxin, insibu dik li hija magħrufa bħala l-muxrabija. Din ma kienet xejn għajr speċi ta' tieqa żgħira fil-forma ta' kaxxa li x'aktarx tkun fl-għoli fuq id-daħla tal-bieb ewlieni jew f'xi bidu ta' sqaq. L-iskop tagħha kien sabiex, apparti li tħalli l-arja tidħol fil-bini, wieħed seta' jara u jgħasses it-toroq tal-viċin mingħajr ma jkun jidher. L-ewwel muxrabiji f'pajjiżna li kienu magħmula mill-ġebel saru fl-1300, imbagħad dawn komplew mas-snin ta' wara.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

L-arkeoloġisti, l-esperti fl-arkeoloġija, jistudjaw il-kultura umana mill-oġġetti li l-bniedem ikun għamel. Pereżempju wieħed jista' jsib xogħol tal-fuħħar u għodod. Minn dawn, l-arkeoloġist ikun jista' jitgħallem dwar kif kienet il-ħajja ta' kuljum ta' poplu bikri. Mill-għadam u s-snien ta' bnedmin jaslu għal għarfien ta' x'tip ta' ikel kienu jieklu u minn x'tip ta' mard kienu jbatu. Ma jonqsux il-kampjuni ta' pjanti u ħamrija mill-postijiet li l-bniedem ikun għex fihom sabiex jifhmu kif kien uża u biddel l-ambjent naturali tiegħu. Ir-riċerka arkeoloġika tibda sa mill-ewwel antenati, miljuni ta' snin ilu, u testendi sal-ġurnata tal-lum. L-arkeoloġist irid jispjega d-differenzi u s-similaritajiet f'soċjetajiet umani mal-medda taż-żmien.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) il-poplu bikri
(b) l-arkeoloġisti
(ċ) l-arketipi

2. L-arkeoloġisti jistudjaw il-kultura umana
(a) mill-oġġetti li l-bniedem ikun ħalla warajh
(b) mill-imġiba tal-bniedem
(ċ) mill-karattru tal-bniedem

3. Skont is-silta, mill-għadam u s-snien, l-arkeoloġisti jistgħu jaslu jifhmu aktar dwar
(a) l-ikel u l-mard tal-antenati
(b) l-arja u l-ambjent naturali tal-antenati
(ċ) il-ħajja ta' kuljum tal-antenati

4. Fis-silta jissemmew diversi oġġetti li l-arkeoloġisti jistudjaw fuqhom biex jifhmu l-kultura umana. Liema minn dawn mhumiex imsemmija?
(a) Xogħol tal-fuħħar, għodod, u għadam
(b) Snien flimkien ma' kampjuni ta' pjanti u ħamrija
(ċ) Xogħol tal-ġebel, siġar, u tpinġija

5. Is-silta tisħaq dwar xi jridu jispjegaw l-arkeoloġisti. Liema minn dawn mhumiex imsemmija?
(a) Id-differenzi f'soċjetajiet umani mal-medda taż-żmien
(b) Is-similaritajiet f'soċjetajiet umani mal-medda taż-żmien
(ċ) Id-drawwiet f'soċjetajiet umani mal-medda taż-żmien

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Il-ġrajjiet kurrenti JEW Ix-xiri**.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-ĠRAJJIET KURRENTI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi *ġrajjiet kurrenti*? Taħseb li huwa importanti li persuna tkun aġġornata mal-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?
ii. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni ta' dak li jkun? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taf tgħidli xi ġrajja kurrenti dinjija li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?
v. Taf tgħidli xi ġrajja kurrenti lokali li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IX-XIRI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Int tħobb tixtri l-aktar billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IT-TAGĦLIM TAL-LINGWI BARRANIN.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Jingħad li t-tagħlim ta' lingwi barranin iservi għal żieda fil-ħila tal-komunikazzjoni soċjali, komunikazzjoni li tista' tgħaqqad flimkien pajjiżi barranin. Taqbel ma' dan? Għaliex?
ii. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin jaħdmu għal azzjonijiet sabiex il-ħakma ta' ħiliet bażiċi ta' individwu tittejjeb, b'mod partikolari billi jiġu mgħallma lingwi barranin minn età bikrija. Fil-fehma tiegħek għaliex taħseb li l-pajjiżi Ewropej qegħdin jagħtu din importanza?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠAN FRANĠISK AGIUS DE SOLDANIS.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

ĊES22/1ok3ċ.17m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **3ċ** |
| DATA: | 22 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1) SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-muxrabija**

F'madwar sitta u tletin propjetà f'diversi villaġġi u rħula Maltin u Għawdxin, insibu dik li hija magħrufa bħala l-muxrabija. Din ma kienet xejn għajr speċi ta' tieqa żgħira fil-forma ta' kaxxa li x'aktarx tkun fl-għoli fuq id-daħla tal-bieb ewlieni jew f'xi bidu ta' sqaq. L-iskop tagħha kien sabiex, apparti li tħalli l-arja tidħol fil-bini, wieħed seta' jara u jgħasses it-toroq tal-viċin mingħajr ma jkun jidher. L-ewwel muxrabiji f'pajjiżna li kienu magħmula mill-ġebel saru fl-1300, imbagħad dawn komplew mas-snin ta' wara.

**(Total: 2 marki)**

---

**2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-ġrajjiet kurrenti JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4a** |
| DATA: | 23 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:
- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Stili differenti ta' arkitettura f'Malta u Għawdex**

Meta wieħed iħares lejn il-binjiet differenti li nsibu fil-Gżejjer Maltin, jinduna li l-mod ta' kif inhuma mibnijin ivarja skont stili arkitettoniċi diversi. Fil-fatt huwa mifhum li l-istili jvarjaw mhux ftit u dan ukoll jista' jwassal għad-data ta' meta l-binja tkun inbniet. Insibu binjiet bi stil arkitettoniku Medjevali, Rinaxximentali, Barokk, Neo-Klassiku, u Neo-Gotiku. Madankollu huwa magħruf li fl-arkitettura Maltija kien hemm bidla kbira. Din il-bidla seħħet mill-istil Rinaxximentali għall-istil Barokk, stil li bdejna narawh sa mill-1600 'l quddiem matul is-seklu sbatax.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-Fondazzjoni Wirt Artna hija organizzazzjoni nongovernattiva. L-għanijiet tagħha huma li tirrestawra u tirriabilita siti u propjetajiet ta' wirt kulturali f'Malta u Għawdex. Tipprova wkoll tqajjem kuxjenza u għarfien fost il-poplu Malti. Twasslu sabiex japprezza aktar il-wirt kulturali tiegħu, wirt li jiġbor fih storja ta' ġnus differenti li okkupaw lill-Gżejjer Maltin mal-medda taż-żmien. Dawn is-siti u propjetajiet imorru lura madwar sebat elef sena ta' storja. Il-Fondazzjoni wkoll ma tonqosx milli tieħu ħsieb li tikkollezzjona oġġetti storiċi sabiex tesebihom fid-diversi mużewijiet. Dan kollu jsir fuq bażi volontarja filwaqt li l-fondazzjoni tibqa' tiffunzjona l-aktar grazzi għad-donazzjonijiet voluntarji, il-miżati li jħallsu l-membri tagħha, u l-isponsers.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) il-Fondazzjoni Wirt Artna
(b) il-Fondazzjoni Patrimonju Malti
(ċ) il-Fondazzjoni Arka

2. Din il-fondazzjoni hija
(a) governattiva
(b) nongovernattiva
(ċ) tal-knisja

3. Din il-fondazzjoni tieħu ħsieb siti u propjetajiet li jmorru lura
(a) madwar ħamest elef sena ta' storja
(b) madwar sitt elef sena ta' storja
(ċ) madwar sebat elef sena ta' storja

4. Il-Fondazzjoni Wirt Artna taħdem fuq bażi voluntarja u tibqa' tiffunzjona l-aktar bil-flus li jidħlu
(a) minn donazzjonijiet voluntarji, miżati tal-membri, u sponsers
(b) minn donazzjonijiet voluntarji u sponsers
(ċ) minn maratona ta' ġbir ta' flus li tagħmel kull sena

5. Is-silta ssemmi għanijiet diversi li l-Fondazzjoni Wirt Artna taħdem għalihom. Liema minn dawn mhumiex imsemmija?
(a) Tirrestawra u tirriabilita siti u propjetajiet kif ukoll tikkollezzjona u tesebixxi oġġetti ta' wirt kulturali
(b) Tqajjem għarfien u kuxjenza fost il-poplu Malti dwar il-wirt kulturali tiegħu
(ċ) Tqajjem għarfien u kuxjenza fost il-poplu Malti dwar l-aspett soċjoreliġjuż u politiku tiegħu

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ivvjaġġar JEW Iż-żgħożija.**

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-IVVJAĠĠAR**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Qatt kellek esperjenza li tivvjaġġa? Jekk iva, kif kienet din l-esperjenza? Jekk le, tixtieq li tivvjaġġa? Għaliex?
ii. F'liema staġuni tas-sena tħobb/tixtieq l-aktar tivvjaġġa? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tħobb/tixtieq l-aktar tivvjaġġa? Jekk f'pajjiżi tal-Ewropa, għaliex? Jekk f'pajjiżi lil hinn mill-Ewropa, għaliex?
iv. X'mezz/i ta' transport tippreferi/tixtieq tivvjaġġa bih/bihom? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li llimita jew affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin, kemm jekk għal xi vaganza u kemm jekk fuq xogħol? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IŻ-ŻGĦOŻIJA.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'taħseb li huma d-drittijiet u d-doveri li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu qed jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. Jingħad li matul iż-żgħożija ftit tifhem lil min hu adult. Għaliex taħseb li jiġri dan? X'jista' jsir biex iż-żgħażagħ u l-adulti jaslu jifhmu aktar lil xulxin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-BILINGWIŻMU.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bil-kelma *bilingwiżmu*?
ii. Il-bilingwiżmu jista' jkun ta' xkiel għall-iżvilupp tal-ilsien Malti. Taqbel ma' dan? Jekk iva, x'jista' jkun dan l-ixkiel? Jekk ma taħsibx li jista' jkun ta' xkiel, għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġan Anton Vassallo**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠAN ANTON VASSALLO.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 19 jew 1817-1868)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ġan Anton Vassallo għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (il-poeżiji, il-kitba ta' *Il-Ġifen Tork*)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4a** |
| DATA: | 23 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Stili differenti ta' arkitettura f'Malta u Għawdex**

Meta wieħed iħares lejn il-binjiet differenti li nsibu fil-Gżejjer Maltin, jinduna li l-mod ta' kif inhuma mibnijin ivarja skont stili arkitettoniċi diversi. Fil-fatt huwa mifhum li l-istili jvarjaw mhux ftit u dan ukoll jista' jwassal għad-data ta' meta l-binja tkun inbniet. Insibu binjiet bi stil arkitettoniku Medjevali, Rinaxximentali, Barokk, Neo-Klassiku, u Neo-Gotiku. Madankollu huwa magħruf li fl-arkitettura Maltija kien hemm bidla kbira. Din il-bidla seħħet mill-istil Rinaxximentali għall-istil Barokk, stil li bdejna narawh sa mill-1600 'l quddiem matul is-seklu sbatax.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ivvjaġġar JEW Iż-żgħożija**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4b** |
| DATA: | 23 ta’ Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f’dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta’ standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta’ taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta’ wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-istil Barokk fl-arkitettura**

Bosta knejjes u djar Maltin igawdu minn arkitettura fuq stil Barokk. L-ewwel xogħlijiet arkitettoniċi li nsibu fil-Gżejjer Maltin fuq stil Barokk jafu lil Francesco Buonamici. Dawn twettqu minnu matul iż-żmien tiegħu li għamel f'Malta sal-1659. Dan l-istil huwa meqjus bħala wieħed lussuż ħafna. Kull binja bi stil Barokk hija mżejna bi skultura fil-ġebla li tirrappreżenta fid-dettall diversi suġġetti, fosthom arzell u figuri umani. Żgur li, flimkien ma' din l-iskultura fil-ġebla, ma jonqsux diversi kolonni li jkomplu jagħtu ġmiel u lussu lill-binja.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

In-nisa Maltin u Għawdxin fl-imgħoddi kienu jilbsu l-għonnella. Din kienet magħrufa wkoll bħala "ċulqana", "stamina", jew "faldetta". Kienet tintlibes fuq ir-ras u tibqa' nieżla qisha mantell jew kappa, speċi ta' għata, għalkemm il-wiċċ kien jibqa' mikxuf. Kienet tkun magħmula minn drapp tal-ħarir jew tal-qoton, u d-dawra li titpoġġa fuq ir-ras, biex tkun soda, mad-drapp kienu jħitu kartun, qasab flessibbli, jew inkella għadma ta' balena li wkoll tkun flessibbli u rqiqa. Il-kulur komuni tal-għenienel kien l-iswed. Madankollu kien hemm dawk bojod, li l-aktar kienu jintlibsu minn għarajjes, kif ukoll dawk ħodor u koħol. Dawn tal-aħħar kienu l-aktar jintlibsu minn bdiewa nisa.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) l-għonnella
(b) l-ilbies tan-nisa Maltin u Għawdxin fl-imgħoddi
(ċ) l-għonnella u l-ilbies tan-nisa Maltin u Għawdxin fl-imgħoddi

2. L-għonnella kienet tkun magħmula minn drapp
(a) tal-ħarir jew tas-satin
(b) tal-qoton jew tal-ħarir
(ċ) tal-ħarir jew tax-xoqqa

3. Skont is-silta l-kulur komuni tal-għenienel kien
(a) abjad
(b) iswed
(ċ) aħdar u ikħal

4. L-għenienel ħodor u koħol kienu jintlibsu
(a) minn għarajjes nisa jew romol
(b) minn nisa sinjuri
(ċ) minn nisa bdiewa

5. Fil-parti li titpoġġa fuq ir-ras, mad-drapp kienu jħitu
(a) kartun, qasab flessibbli, jew għadma ta' balena flessibbli u rqiqa
(b) kartun, injam flessibbli, jew għadma ta' balena li mhix flessibbli u rqiqa
(ċ) kartun jew għadma ħoxna ta' balena

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW Ix-xiri**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT NATURALI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Taħseb li l-ambjent naturali huwa importanti fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taħseb li l-bniedem kapaċi jkun ta' ostaklu għall-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
v. Fil-fehma tiegħek, x'taħseb li qiegħed isir sabiex nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin? Għaliex taħseb hekk? Jekk taħseb li mhux qiegħed isir biżżejjed jew saħansitra xejn, x'tipproponi li għandu jsir?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IX-XIRI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Int tħobb tixtri l-aktar billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Dun Karm Psaila.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-MALTI SAFI.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Spjega x'tifhem meta ngħidu "Malti Safi".
ii. L-ilsien Malti hu dak li hu sforz ta' taħlit lessikali u morfoloġiku minn ilsna barranin. Kemm taħseb li tagħmel sens l-idea ta' Malti Safi meta nafu b'dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Dun Karm Psaila**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq DUN KARM PSAILA.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1871-1961)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (il-kitba tal-*Innu Malti*, poeżiji, dizzjunarju)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

ĊES22/1ok4b.17m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4b** |
| DATA: | 23 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-istil Barokk fl-arkitettura**

Bosta knejjes u djar Maltin igawdu minn arkitettura fuq stil Barokk. L-ewwel xogħlijiet arkitettoniċi li nsibu fil-Gżejjer Maltin fuq stil Barokk jafu lil Francesco Buonamici. Dawn twettqu minnu matul iż-żmien tiegħu li għamel f'Malta sal-1659. Dan l-istil huwa meqjus bħala wieħed lussuż ħafna. Kull binja bi stil Barokk hija mżejna bi skultura fil-ġebla li tirrappreżenta fid-dettall diversi suġġetti, fosthom arzell u figuri umani. Żgur li, flimkien ma' din l-iskultura fil-ġebla, ma jonqsux diversi kolonni li jkomplu jagħtu ġmiel u lussu lill-binja.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Dun Karm Psaila**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4ċ** |
| DATA: | 23 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-festi nazzjonali u pubbliċi Maltin**

Fil-Gżejjer Maltin għandna diversi festi nazzjonali u pubbliċi. Dawn jimxu skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi maħruġ fis-sena 1975, li ġie emendat b'ħafna avviżi legali. Dan l-Att jiddikjara li fil-Gżejjer Maltin għandna ħames festi nazzjonali: Jum il-Ħelsien, is-Sebgħa ta' Ġunju, il-Vitorja, Jum l-Indipendenza, u Jum ir-Repubblika. Dawk pubbliċi huma: Jum l-Ewwel tas-Sena, San Pawl fi Frar, San Ġużepp f'Marzu, il-Ġimgħa l-Kbira f'Marzu jew April, Jum il-Ħaddiem f'Mejju, San Pietru u San Pawl f'Ġunju, l-Assunzjoni f'Awwissu, u l-Immakulata Kunċizzjoni f'Diċembru flimkien mal-festa tal-Milied.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-forti Rinella nbena fi żmien l-Ingliżi, propju fl-1878. Kellu karatteristika importanti għad-difiża tal-Gżejjer Maltin, jiġifieri kanun kbir ta' madwar mitt tunnellata. L-Ingliżi b'kollox kellhom erba' fortijiet ewlenin b'kanuni ta' dan it-toqol u kobor sabiex jipproteġu l-portijiet. Wieħed insibuh f'Malta propju fil-forti Rinella, u tlieta oħra f'siti diversi f'Ġibiltà. Huwa magħruf li l-ewwel kanun ta' mitt tunnellata kien magħmul għall-Italja. Kien Sir William George Armstrong il-bniedem li ddisinja dan l-ewwel kanun ta' tant saħħa. Iż-żamma u l-funzjoni ta' dawn il-kanuni kienet tiswa ħafna flus għall-Ingliżi. Il-forti Rinella kif ukoll il-kanun waqqfu l-funzjoni u s-servizz tagħhom fl-1906, wara biss għoxrin sena ta' ħidma.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-forti Sant Iermu
(b) il-forti Rinella
(ċ) il-forti San Luċjan

2. Il-forti Rinella nbena mill-Ingliżi
(a) fl-1878
(b) fl-1887
(ċ) fl-1888

3. Il-forti Rinella kien jiddistingwi ruħu
(a) għax kien f'pożizzjoni tajba bħala difiża mill-għadu
(b) għax kellu l-akbar kanun ta' mitt tunnellata toqol
(ċ) għax kien l-akbar forti f'Malta

4. L-Ingliżi kienu bnew erba' fortijiet b'kanuni kbar ta' mitt tunnellata. Skont is-silta dawn jinsabu
(a) tnejn f'Malta u tnejn f'Ġibiltà
(b) wieħed f'Malta u tlieta f'Ġibiltà
(ċ) tlieta f'Malta u wieħed f'Ġibiltà

5. Il-forti Rinella dam jintuża mill-Ingliżi
(a) għal aktar minn għoxrin sena
(b) għal għoxrin sena
(ċ) għal inqas minn għoxrin sena

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Il-ġrajjiet kurrenti JEW L-edukazzjoni**.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-ĠRAJJIET KURRENTI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi *ġrajjiet kurrenti*? Taħseb li huwa importanti li persuna tkun aġġornata mal-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?
ii. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni ta' dak li jkun? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taf tgħidli xi ġrajja kurrenti dinjija li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?
v. Taf tgħidli xi ġrajja kurrenti lokali li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-EDUKAZZJONI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Kemm taħseb li hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem? Għaliex taħseb hekk?
ii. Fil-fehma tiegħek l-edukazzjoni minn fejn għandha tibda l-ewwel, mid-dar jew mill-iskola? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi biss? Għaliex taħseb hekk?
iv. Huma ħafna dawk li jgħidu li huwa importanti li jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol. Taqbel ma' dan? Għaliex taħseb hekk?
v. Taħseb li llum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin *JEW* Ġużè Aquilina.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IT-TAGĦLIM TAL-LINGWI BARRANIN.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Fil-fehma tiegħek, għaliex bosta jsostnu kemm hu importanti li persuna titgħallem ħafna lingwi barranin?
ii. X'taf tgħidli dwar it-tagħlim tal-lingwi barranin fil-Gżejjer Maltin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġużè Aquilina**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠUŻÈ AQUILINA.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1911-1997)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ġużè Aquilina għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **4ċ** |
| DATA: | 23 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-festi nazzjonali u pubbliċi Maltin**

Fil-Gżejjer Maltin għandna diversi festi nazzjonali u pubbliċi. Dawn jimxu skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi maħruġ fis-sena 1975, li ġie emendat b'ħafna avviżi legali. Dan l-Att jiddikjara li fil-Gżejjer Maltin għandna ħames festi nazzjonali: Jum il-Ħelsien, is-Sebgħa ta' Ġunju, il-Vitorja, Jum l-Indipendenza, u Jum ir-Repubblika. Dawk pubbliċi huma: Jum l-Ewwel tas-Sena, San Pawl fi Frar, San Ġużepp f'Marzu, il-Ġimgħa l-Kbira f'Marzu jew April, Jum il-Ħaddiem f'Mejju, San Pietru u San Pawl f'Ġunju, l-Assunzjoni f'Awwissu, u l-Immakulata Kunċizzjoni f'Diċembru flimkien mal-festa tal-Milied.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-ġrajjiet kurrenti JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Aquilina**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5a** |
| DATA: | 24 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Ir-Rotunda tal-Mosta**

Ġojjell mill-isbaħ fil-Mosta huwa l-Knisja Arċipretali ta' Santa Marija Assunta. Ix-xogħol fuqha beda fl-1833 u nbniet fuq stil arkitettoniku Neo-Klassiku. Ix-xogħol ħa madwar tmienja u għoxrin sena sabiex jitlesta. Il-knisja nbniet f'post fejn kien diġà hemm knisja oħra li kienet magħrufa bħala ta' Ziri. Il-koppla titqies bħala t-tielet l-akbar koppla fid-dinja. Interessanti huwa l-fatt li fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-knisja ntlaqtet minn bomba li daħlet mill-koppla waqt li kienet qiegħda ssir quddiesa. Il-bomba ma splodietx u dan ġie interpretat bħala miraklu.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Huwa fatt li l-presepji, li kull Milied iżejnu l-pjazza ta' San Pietru fil-Belt tal-Vatikan, joħolqu atmosfera mill-isbaħ. Dawn il-presepji dejjem kienu jkunu ddisinjati u armati minn artisti Taljani. Imma għall-ewwel darba, fil-Milied tas-sena 2016, il-presepju f'din il-pjazza kien iddisinjat u armat fuq karatteristiċi tal-pajsaġġ Malti mill-artist Għawdxi, Manwel Grech. Fost dawn il-karatterisiċi jispikkaw l-arkitettura, il-fawna, il-flora, u l-luzzu Malti. Il-presepju kellu sbatax-il pastur, apparti l-annimali. Minbarra l-Madonna u San Ġużepp, kien hemm figuri oħrajn fosthom ta' San Ġorġ Preca, l-għaġeb, ix-xabbatur, ir-rieqed, u d-daqqaqa li kollha kienu mlibbsa bi ħwejjeġ tradizzjonali Maltin, saħansitra xogħol bin-newl.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-presepju Malti
(b) il-presepju Malti fil-pjazza ta' San Pawl fil-Belt tal-Vatikan
(ċ) il-presepju Malti fil-pjazza ta' San Pietru fil-Belt tal-Vatikan

2. Skont is-silta, f'liema sena il-pjazza ta' San Pietru fil-Belt tal-Vatikan rat il-presepju li ġie ddisinjat u armat mill-artist Għawdxi, Manwel Grech?
(a) Fis-sena 2016
(b) Fis-sena 2015
(ċ) Fis-sena 2014

3. Il-presepji fil-pjazza ta' San Pietru fil-Belt tal-Vatikan
(a) dejjem kienu jkunu ddisinjati u armati minn artisti Taljani
(b) dejjem kienu jkunu ddisinjati minn artisti Taljani
(ċ) dejjem kienu jkunu armati minn artisti Taljani

4. Il-presepju Malti kien juri karatteristiċi mill-pajsaġġ Malti
(a) bi ħmistax-il pastur
(b) bi sbatax-il pastur
(ċ) b'sittax-il pastur

5. Apparti l-Madonna u San Ġużepp, is-silta ssemmi xi figuri oħrajn fost il-bqija. Liema minn dawn mhumiex imsemmija?
(a) San Ġorġ Preca, ir-rieqed, u d-daqqaqa
(b) L-għaġeb u x-xabbatur
(ċ) It-tfal ma' San Ġorġ Preca u s-slaten Maġi

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW Iż-żgħożija**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT NATURALI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Taħseb li l-ambjent naturali huwa importanti fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taħseb li l-bniedem kapaċi jkun ta' ostaklu għall-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
v. Fil-fehma tiegħek, x'taħseb li qiegħed isir sabiex nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin? Għaliex taħseb hekk? Jekk taħseb li mhux qiegħed isir biżżejjed jew saħansitra xejn, x'tipproponi li għandu jsir?

**JEW**

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IŻ-ŻGĦOŻIJA.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'taħseb li huma d-drittijiet u d-doveri li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu qed jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. Jingħad li matul iż-żgħożija ftit tifhem lil min hu adult. Għaliex taħseb li jiġri dan? X'jista' jsir biex iż-żgħażagħ u l-adulti jaslu jifhmu aktar lil xulxin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-BILINGWIŻMU**. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Fil-Gżejjer Maltin l-ilsien Malti huwa l-ilsien nazzjonali filwaqt li l-Malti u l-Ingliż huma l-ilsna uffiċjali. X'taħseb li huma l-benefiċċji li l-poplu Malti, bħala poplu bilingwi, jista' jakkwista mill-fatt li l-Ingliż huwa waħda mil-lingwi uffiċjali tagħna, minbarra li hu lingwa internazzjonali?
ii. Taħseb li hija realtà f'pajjiżna li ċerti Maltin iħarsu lejn l-Ingliż bħala superjuri għall-Malti jew bil-kontra, jiġifieri l-Malti superjuri għall-Ingliż? Jekk iva, għaliex taħseb hekk u x'jikkawża dan? Jekk le, għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠAN FRANĠISK AGIUS DE SOLDANIS.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. Għalx iex inhu magħruf l-aktar? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5a** |
| DATA: | 24 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Ir-Rotunda tal-Mosta**

Ġojjell mill-isbaħ fil-Mosta huwa l-Knisja Arċipretali ta' Santa Marija Assunta. Ix-xogħol fuqha beda fl-1833 u nbniet fuq stil arkitettoniku Neo-Klassiku. Ix-xogħol ħa madwar tmienja u għoxrin sena sabiex jitlesta. Il-knisja nbniet f'post fejn kien diġà hemm knisja oħra li kienet magħrufa bħala ta' Ziri. Il-koppla titqies bħala t-tielet l-akbar koppla fid-dinja. Interessanti huwa l-fatt li fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-knisja ntlaqtet minn bomba li daħlet mill-koppla waqt li kienet qiegħda ssir quddiesa. Il-bomba ma splodietx u dan ġie interpretat bħala miraklu.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW Iż-żgħożija**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5b** |
| DATA: | 24 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Frenċ tal-Għarb**

Persunaġġ Għawdxi li twieled fl-1892, magħruf ukoll mal-Maltin, huwa Frenċ tal-Għarb. Hekk kienu jsibuh, għalkemm dan ma kienx l-isem propju tiegħu. Il-villaġġ tal-Għarb huwa kburi b'dan il-persunaġġ. Frenċ kien bidwi sempliċi lest li jgħin lill-proxxmu. Fejjaq bosta nies morda permezz ta' ħxejjex mediċinali flimkien mat-talb. Fil-fatt, kien raġel tar-ruħ u devot ħafna tal-Madonna ta' Pinu. Madankollu kien ukoll magħruf bħala bniedem li kien kapaċi jgħidlek l-imgħoddi tiegħek, kif ukoll ibassarlek il-futur. Minbarra dan kien imfittex minn bosta għal xi parir.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Ftit huma dawk li jgħaddilhom minn moħħhom li l-palazz Verdala, palazz lussuż u mill-isbaħ li għadu jiffunzjoni sal-ġurnata tal-lum, inbena fil-post fejn il-Gran Mastru La Valette kellu dwejra li kien imur fiha meta jmur għall-kaċċa. Il-binja tal-palazz inbniet fis-sena 1586 taħt l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li komplew jiddekorawh b'tisbiħ mill-aqwa. Wara l-Kavallieri, matul il-mogħdija taż-żmien taħt ħakmiet diversi, il-palazz serva għal diversi ħtiġijiet. Fost dawn insibuh li serva bħala ħabs fi żmien il-Franċiżi, sabiex jinżammu s-suldati ta' Napuljun, kif ukoll bħala fabbrika tal-ħarir. Kien matul iż-żmien tal-Ingliżi li l-palazz sarulu xi tiswijiet u ġie rrestawrat. Għalhekk tawh lura l-ġmiel li jistħoqqlu.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) <u>il-palazz ta' Verdala</u>
(b) il-palazz ta' Vilhena
(ċ) il-palazz tal-Inkwiżitur

2. Dan il-palazz inbena fil-post fejn il-Gran Mastru La Valette kellu
(a) girna li kien imur fiha meta jmur għall-kaċċa
(b) <u>dar żgħira ħafna li kien imur fiha meta jmur għall-kaċċa</u>
(ċ) dar kbira ħafna li kien imur fiha meta jmur għall-kaċċa

3. Il-palazz inbena mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann
(a) fl-1530
(b) <u>fl-1586</u>
(ċ) fl-1599

4. Skont is-silta, wara l-Kavallieri, il-palazz
(a) ma baqax jintuża
(b) baqa' propjetà tal-Ordni tal-Kavallieri
(ċ) <u>baqa' jintuża għal bżonnijiet diversi skont il-ħakkiema li ġew wara l-Kavallieri</u>

5. Mal-mogħdija taż-żmien taħt ħakmiet diversi wara l-Kavallieri, il-palazz serva għal diversi ħtiġijiet. Is-silta ssemmi xi wħud. Liema minn dawn mhix imsemmija?
(a) Bħala ħabs biex jinżammu suldati Franċiżi
(b) <u>Bħala ħabs biex jinżammu l-Maltin li nqabdu matul il-ħakma Franċiża</u>
(ċ) Bħala fabbrika tal-ħarir

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent tad-dar JEW Ix-xiri**.

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT TAD-DAR.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar li tgħix fiha? Għaliex hija daqshekk għal qalbek?
ii. X'tippreferi li tgħix f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Tippreferi li tgħix f'dar b'ħafna sulari jew f'waħda bi pjan wieħed? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew antik? Għaliex? Jekk tippreferi taħlita ta' modern u antik, għaliex tippreferi hekk?
v. Fil-fehma tiegħek, x'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IX-XIRI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Int tħobb tixtri l-aktar billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online,* saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Malti Safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi.**

**Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-MALTI SAFI**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'kien il-ħsieb ewlieni ta' dawk li ħadmu sabiex ikollna Malti Safi? Kemm taħseb li dan il-ħsieb jagħmel sens meta tikkonsidra l-iżvilupp storiku ta' kif żviluppa lsienna?
ii. Lingwa tibqa' ħajja sakemm jibqa' jużaha l-poplu u għalhekk tibqa' taġġorna ruħha wkoll billi tagħmel tagħha kliem ta' nisel barrani. Kemm taqbel ma' dan meta tikkunsidrah fid-dawl tal-Malti Safi?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġużè Muscat Azzopardi**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1853-1927)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ġużè Muscat Azzopardi għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (ir-rumanzi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5b** |
| DATA: | 24 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Frenċ tal-Għarb**

Persunaġġ Għawdxi li twieled fl-1892, magħruf ukoll mal-Maltin, huwa Frenċ tal-Għarb. Hekk kienu jsibuh, għalkemm dan ma kienx l-isem propju tiegħu. Il-villaġġ tal-Għarb huwa kburi b'dan il-persunaġġ. Frenċ kien bidwi sempliċi lest li jgħin lill-proxxmu. Fejjaq bosta nies morda permezz ta' ħxejjex mediċinali flimkien mat-talb. Fil-fatt, kien raġel tar-ruħ u devot ħafna tal-Madonna ta' Pinu. Madankollu kien ukoll magħruf bħala bniedem li kien kapaċi jgħidlek l-imgħoddi tiegħek, kif ukoll ibassarlek il-futur. Minbarra dan kien imfittex minn bosta għal xi parir.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent tad-dar JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Malti Safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5ċ** |
| DATA: | 24 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Karmni Grima**

Din ix-xebba Għawdxija mill-Għarb hija sinonima mal-Bażilika Ta' Pinu. Jingħad li f'Ġunju tas-sena 1883, meta Karmni kien għad kellha ħamsa u erbgħin sena, kellha sejħa misterjuża mill-Madonna. Il-vuċi misterjuża kienet ġejja mill-kappella żgħira Ta' Pinu, li f'dak iż-żmien kienet taqdi lill-parruċċani tal-Għarb. Dan kollu baqa' sigriet sa sentejn wara meta Karmni qalet kollox lil Franġisk Portelli. Jingħad li bosta pellegrinaġġi żaru l-kappella wara li sar miraklu ma' omm Franġisk. Dan wassal sabiex fil-bidu tas-seklu għoxrin tinbena l-Bażilika kif nafuha llum.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Fil-Gżejjer Maltin insibu diversi tipi ta' siġar. Fost dawn insibu l-balluta, il-ħarruba, il-luq, u ż-żnuber. Madankollu, għalkemm dawn kollha jżejnu l-pajsaġġ Malti, is-siġra nazzjonali ta' Malta u Għawdex hija dik magħrufa bħala s-siġra tal-għargħar. Din ġiet iddikjarata bħala s-siġra nazzjonali fis-sena 1992 u mħarsa bil-liġi fl-1993. Qabel kienet komuni ħafna fil-pajsaġġ Malti, ħaġa li sfortunatament m'għadhiex l-istess illum il-ġurnata. Ġejja mir-razza taċ-ċipress għalkemm ma titwalx ħafna. Bħala siġra tibqa' tħaddar is-sena kollha u qatt ma tinxef jew twaqqa' l-weraq irqaq tagħha. Interessanti huwa l-fatt li l-Kunsill tal-Ewropa jirrikonoxxi din is-siġra fost is-siġar mhedda, rari, u endemiċi.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) is-siġar li nsibu fil-Gżejjer Maltin
(b) is-siġar rari li nsibu fil-Gżejjer Maltin
(ċ) <u>is-siġra nazzjonali tal-Gżejjer Maltin</u>

2. Is-siġra Nazzjonali hija
(a) l-ħarruba
(b) <u>tal-ġħargħar</u>
(ċ) ż-żnuber

3. Is-siġra tal-ġħargħar ġiet iddikjarata bħala s-siġra nazzjonali tal-Gżejjer Maltin
(a) <u>fl-1992</u>
(b) fl-1993
(ċ) fl-1994

4. Is-silta tiddeskrivi xi aspetti tas-siġra tal-għargħar. Liema minn dawn mhux imsemmija?
(a) <u>Hija siġra komuni daqs kemm kienet qabel fil-pajsaġġ Malti</u>
(b) Ġejja mir-razza taċ-ċipress għalkemm ma titwalx ħafna u tħaddar is-sena kollha
(ċ) Għandha weraq irqaq

5. Il-Kunsill tal-Ewropa jirrikonoxxi din is-siġra bħala siġra mhedda
(a) komuni, u endemika
(b) <u>rari, u endemika</u>
(ċ) selvaġġa, u endemika

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-edukazzjoni JEW Il-kura tas-saħħa**.

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-EDUKAZZJONI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Kemm taħseb li hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem? Għaliex taħseb hekk?
ii. Fil-fehma tiegħek l-edukazzjoni minn fejn għandha tibda l-ewwel, mid-dar jew mill-iskola? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi biss? Għaliex taħseb hekk?
iv. Huma ħafna dawk li jgħidu li huwa importanti li jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol. Taqbel ma' dan? Għaliex taħseb hekk?
v. Taħseb li llum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha? Għaliex?

**JEW**

**Il-kura tas-saħħa**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-KURA TAS-SAĦĦA.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex taħseb li l-bniedem għandu jieħu ħsieb saħħtu? Taħseb li l-poplu Malti huwa konxju li għandu jieħu ħsieb saħħtu? Għaliex taħseb hekk?
ii. Taħseb li t-tip ta' ikel li nieklu għandu sehem importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna? Għaliex taħseb hekk?
iii. Taħseb li l-eżerċizzju fiżiku hu importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna? Għaliex?
iv. Int x'tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek?
v. Taħseb li l-kura tas-saħħa twasslek biex tevita mard fiżiku biss? Għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IT-TAGĦLIM TAL-LINGWI BARRANIN**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Ma tistax tifred lingwa mill-kultura ta' dak il-pajjiż li jitkellimha. Kemm taqbel ma' dan meta tqisu fil-proċess tat-tagħlim ta' lingwi barranin? Taħseb li huwa importanti u ta' għajnuna li ssir midħla tal-kultura ta' dak il-pajjiż barrani li tiegħu tkun qed titgħallem il-lingwa?
ii. Hemm vantaġġi fil-fatt li titgħallem lingwi barranin? Jekk iva, x'inhuma dawn il-vantaġġi? Jekk le, għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ninu Cremona**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq NINU CREMONA.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1880-1972)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (il-grammatika, l-ortografija)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **5ċ** |
| DATA: | 24 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Karmni Grima**

Din ix-xebba Għawdxija mill-Għarb hija sinonima mal-Bażilika Ta' Pinu. Jingħad li f'Ġunju tas-sena 1883, meta Karmni kien għad kellha ħamsa u erbgħin sena, kellha sejħa misterjuża mill-Madonna. Il-vuċi misterjuża kienet ġejja mill-kappella żgħira Ta' Pinu, li f'dak iż-żmien kienet taqdi lill-parruċċani tal-Għarb. Dan kollu baqa' sigriet sa sentejn wara meta Karmni qalet kollox lil Franġisk Portelli. Jingħad li bosta pellegrinaġġi żaru l-kappella wara li sar miraklu ma' omm Franġisk. Dan wassal sabiex fil-bidu tas-seklu għoxrin tinbena l-Bażilika kif nafuha llum.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-edukazzjoni JEW Il-kura tas-saħħa**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6a** |
| DATA: | 27 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Għar Dalam**

Dan is-sit huwa meqjus bħala l-eqdem sit preistoriku fil-Gżejjer Maltin. Ġie skopert waqt skavar li kien qiegħed isir lejn l-aħħar tas-seklu dsatax. Fost il-fdalijiet li nstabu fih, kien hemm fossili kif ukoll għadam ta' ljunfanti, ippopotami, u għasafar li jmorru lura bosta snin. Studjużi, fosthom arkeoloġisti, isostnu li dan kollu jagħti x'tifhem li Malta xi darba kienet magħquda mal-kontinent Ewropew. Interessanti huwa l-fatt li dan is-sit jagħti wkoll indikazzjonijiet tal-ewwel nies f'Malta. Dawn l-indikazzjonijiet bikrija tal-bniedem imorru lura saħansitra 7,400 sena.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-karnival huwa żmien ta' ferħ u briju għal kulħadd. F'dawn l-aħħar snin, il-Karnival Malti żied il-qarċilla ma' dan il-briju. Il-qarċilla, li għal żmien twil kienet intesiet fiż-żmien tal-karnival, reġgħet ħadet il-ħajja. Din ma hija xejn ħlief farsa poetika li tikkonsisti f'qari ta' kuntratt ta' żwieġ, b'versi satiriċi u umoristiċi li nutar jaqra lil żewġ għarajjes li jkunu se jiżżewġu. Ovvjament kemm in-nutar kif ukoll l-għarajjes ikunu qed jirreċtaw quddiem in-nies. Din kienet issir kemm fil-Belt Valletta kif ukoll f'xi villaġġi oħra waqt iż-żmien tal-karnival u kienet popolari ħafna man-nies. L-ewwel qarċilla miktuba tmur lura għas-sena 1760, xogħol ta' Dun Feliċ Demarco.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) il-Karnival Malti
(b) <u>il-qarċilla fil-Karnival Malti</u>
(ċ) il-ferħ u l-briju tal-Karnival Malti

2. Il-qarċilla matul iż-żmien
(a) dejjem kellha post fil-Karnival Malti
(b) <u>mhux dejjem kellha post fil-Karnival Malti</u>
(ċ) qatt ma kellha post fil-Karnival Malti

3. Il-qarċilla hija meqjusa bħala reċta bbażata
(a) <u>fuq farsa poetika</u>
(b) fuq farsa patetika
(ċ) fuq farsa politika

4. Il-qari tal-kuntratt ta' żwieġ li kien jinqara mit-taparsi nutar kien ikun miktub b'versi satiriċi
(a) u folkloristiċi
(b) <u>u umoristiċi</u>
(ċ) u ironiċi

5. L-ewwel qarċilla miktuba tmur lura għas-sena
(a) <u>1760 miktuba minn Dun Feliċ Demarco</u>
(b) 1761 miktuba minn Dun Feliċ Demarco
(ċ) 1760 miktuba minn Dun Marco Defelice

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ivvjaġġar JEW Il-ġrajjiet kurrenti**.

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-IVVJAĠĠAR**.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Qatt kellek esperjenza li tivvjaġġa? Jekk iva, kif kienet din l-esperjenza? Jekk le, tixtieq li tivvjaġġa? Għaliex?
ii. F'liema staġuni tas-sena tħobb/tixtieq l-aktar tivvjaġġa? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tħobb/tixtieq l-aktar tivvjaġġa? Jekk f'pajjiżi tal-Ewropa, għaliex? Jekk f'pajjiżi lil hinn mill-Ewropa, għaliex?
iv. X'mezz/i ta' transport tippreferi/tixtieq tivvjaġġa bih/bihom? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li llimita jew affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin, kemm jekk għal xi vaganza u kemm jekk fuq xogħol? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-ĠRAJJIET KURRENTI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi *ġrajjiet kurrenti*? Taħseb li huwa importanti li persuna tkun aġġornata mal-ġrajjiet kurrenti? Għaliex?
ii. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni ta' dak li jkun? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taf tgħidli xi ġrajja kurrenti dinjija li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?
v. Taf tgħidli xi ġrajja kurrenti lokali li seħħet dan l-aħħar? Għaliex laqtitek daqshekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-BILINGWIŻMU.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Bosta jisħqu dwar l-użu tal-Malti u tal-Ingliż f'ħinhom u f'waqthom mingħajr ma jkun hemm taħlit ta' Malti u Ingliż f'daqqa. Int x'taħseb dwar dan u x'jistgħu jkunu l-problemi li jinħolqu meta jkun hemm l-użu tal-Malti u Ingliż f'daqqa saħansitra f'sentenza waħda?
ii. Il-bilingwiżmu jwassal sabiex individwu jkollu kompetenza sħiħa u ugwali fiż-żewġ lingwi. X'tifhem b'kompetenza sħiħa? Taqbel li din il-kompetenza bilfors trid tkun ugwali, jiġifieri jkun hemm għarfien taż-żewġ lingwi indaqs? Taħseb li l-poplu Malti kollu għandu għarfien ibbilanċjat u ndaqs taż-żewġ ilsna, il-Malti u l-Ingliż?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Pietru Pawl Saydon**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq PIETRU PAWL SAYDON.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1895-1971)
ii. X'kien il-kontribut ta' Pietru Pawl Saydon għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (it-traduzzjoni tal-Bibbja)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6a** |
| DATA: | 27 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Għar Dalam**

Dan is-sit huwa meqjus bħala l-eqdem sit preistoriku fil-Gżejjer Maltin. Ġie skopert waqt skavar li kien qiegħed isir lejn l-aħħar tas-seklu dsatax. Fost il-fdalijiet li nstabu fih, kien hemm fossili kif ukoll għadam ta' ljunfanti, ippopotami, u għasafar li jmorru lura bosta snin. Studjużi, fosthom arkeoloġisti, isostnu li dan kollu jagħti x'tifhem li Malta xi darba kienet magħquda mal-kontinent Ewropew. Interessanti huwa l-fatt li dan is-sit jagħti wkoll indikazzjonijiet tal-ewwel nies f'Malta. Dawn l-indikazzjonijiet bikrija tal-bniedem imorru lura saħansitra 7,400 sena.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ivvjaġġar JEW Il-ġrajjiet kurrenti**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **6b** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 27 ta’ Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f’dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta’ standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta’ taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta’ wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-mużew nazzjonali tal-arkeoloġija**

Dan il-mużew insibuh f'waħda mill-bereġ li bnew il-Kavallieri. Huwa wieħed mid-diversi mużewijiet nazzjonali fil-Gżejjer Maltin li jiġbed għadd ġmielu ta' turisti kif ukoll Maltin. Dan għaliex fih insibu fdalijiet arkeoloġiċi li jmorru lura ħafna fiż-żmien. Fil-fatt huwa magħruf bħala dak il-mużew li jagħti introduzzjoni ċara taż-żmien Preistoriku u għaldaqstant tal-istorja bikrija ta' pajjiżna. Dan huwa fatt għaliex fih insibu fdalijiet li saħansitra jmorru lura għas-sena 5000 qabel Kristu, propju għall-perjodu Neolitiku. Madankollu flimkien ma' dawn, insibu oħrajn ta' żmien il-Feniċi.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Kien fl-1971 li l-pjanta Widnet il-Baħar ġiet meqjusa bħala l-pjanta Nazzjonali Maltija. Din il-pjanta nsibuha biss f'Malta u Għawdex u għalhekk dan il-fatt jagħmilha pjanta endemika. L-aktar li nsibuha tikber hu mal-irdumijiet lejn in-naħa tal-Lbiċ tal-Gżejjer Maltin. Hija pjanta mill-isbaħ, b'weraq ċatti u bla ponta, u matul ix-xhur bejn Mejju u Lulju twarrad f'bukketti ta' fjuri ta' lewn vjola. Din il-pjanta hija protetta bil-liġi, u ċerti siti fejn tinsab huma mħarsa minn xi vandali. Dan għaliex hija pjanta endemika u sfortunatament bil-mod il-mod qiegħda tispiċċa fix-xejn sforz it-taħsir u t-tiġrif ta' xi rdumijiet minħabba l-elementi naturali.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) is-siġra Nazzjonali Maltija
(b) il-pjanta Nazzjonali Maltija
(ċ) l-għasfur Nazzjonali Malti

2. Il-pjanta Nazzjonali Maltija hija
(a) Widnet il-Baħar u ġiet iddikjarata bħala l-pjanta Nazzjonali fl-1971
(b) Widnet il-Baħar u ġiet iddikjarata bħala l-pjanta Nazzjonali fl-1970
(ċ) Widnet l-irdumijiet u ġiet iddikjarata bħala l-pjanta Nazzjonali fl-1971

3. Din il-pjanta l-aktar li nsibuha tikber hu
(a) mal-widien lejn in-naħa tal-Lbiċ tal-Gżejjer Maltin
(b) mal-irdumijiet lejn in-naħa tal-Lvant tal-Gżejjer Maltin
(ċ) mal-irdumijiet lejn in-naħa tal-Lbiċ tal-Gżejjer Maltin

4. Is-silta tiddeskrivi xi aspetti ta' Widnet il-Baħar. Liema minn dawn mhumiex imsemmija?
(a) Hija pjanta mill-isbaħ, b'weraq ċatti u bla ponta
(b) Matul Mejju u Lulju twarrad f'bukketti ta' fjuri ta' lewn vjola
(ċ) Tikber mhux biss fil-Gżejjer Maltin u meta tikber tinfirex qisha liedna

5. Is-silta tindika xi raġunijiet għaliex Widnet il-Baħar hija protetta bil-liġi. Liema minn dawn mhux imsemmi bħala raġuni?
(a) Għaliex saret pjanta rari minħabba li l-irdumijiet qed jiġġarrfu sforz l-elementi naturali
(b) Għaliex saret rari minħabba l-klima ambjentali
(ċ) Għaliex hija pjanta endemika jiġifieri li nsibuha biss fil-Gżejjer Maltin

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Id-divertiment JEW Ix-xiri**.

**Id-divertiment**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ID-DIVERTIMENT.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Int kif tħobb tiddeverti l-aktar?
ii. Issib ħin fil-ġurnata tiegħek għad-divertiment jew il-ħin għad-divertiment ikollok tagħmlu int? Jekk issib ħin, kif tagħmel biex issibu? Jekk il-ħin ikollok tagħmlu int, x'inhi r-raġuni għal dan?
iii. Il-bniedem bix-xogħol biss u mingħajr divertiment jinħakem minn ansjetà u stress. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Taħseb li t-tip ta' divertiment li jfittxu ż-żgħażagħ huwa differenti minn dak li jfittxu l-adulti? Għaliex taħseb hekk?
v. X'taħseb dwar il-postijiet ta' divertiment għaż-żgħażagħ li għandna f'pajjiżna?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IX-XIRI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Int tħobb tixtri l-aktar billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Mikiel Anton Vassalli.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IL-MALTI SAFI.** Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Irrelevanti jekk il-kelma tkunx barranija, mislufa, qadima, jew ġdida; jekk tkun taqbel ma' dak il-leħen u l-aċċent li jridhom l-ilsien Malti nistgħu ngħidu li tieħu s-sura Maltija u titqies bħala Malti safi. Taħseb li dan imur kontra jew favur l-ideal li kellhom il-puristi fil-konfront tal-ilsien Malti? Għaliex?
ii. Fil-fehma tiegħek, x'jiġri meta nużaw kliem barrani avolja jkun hemm kliem Malti li jkollu l-istess tifsira? Taħseb li permezz ta' dan inkunu qegħdin insaħħu l-ilsien Malti?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Mikiel Anton Vassalli**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq MIKIEL ANTON VASSALLI.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 18 u 19 jew 1764-1829)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (dizzjunarju, grammatika)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6b** |
| DATA: | 27 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-mużew nazzjonali tal-arkeoloġija**

Dan il-mużew insibuh f'waħda mill-bereġ li bnew il-Kavallieri. Huwa wieħed mid-diversi mużewijiet nazzjonali fil-Gżejjer Maltin li jiġbed għadd ġmielu ta' turisti kif ukoll Maltin. Dan għaliex fih insibu fdalijiet arkeoloġiċi li jmorru lura ħafna fiż-żmien. Fil-fatt huwa magħruf bħala dak il-mużew li jagħti introduzzjoni ċara taż-żmien Preistoriku u għaldaqstant tal-istorja bikrija ta' pajjiżna. Dan huwa fatt għaliex fih insibu fdalijiet li saħansitra jmorru lura għas-sena 5000 qabel Kristu, propju għall-perjodu Neolitiku. Madankollu flimkien ma' dawn, insibu oħrajn ta' żmien il-Feniċi.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Id-divertiment JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Mikiel Anton Vassalli**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6ċ** |
| DATA: | 27 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-EŻAMINATURI

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet** bil-korsiv u jaqra dawk bit-tipi grassi għal skop ta' standardizzazzjoni;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'vuċi għolja.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-istudent. Huwa għandu jwaqqaf l-istudent milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Kappella tal-Millenju**

Fil-qalba ta' Paceville, post magħruf minn kulħadd l-aktar miż-żgħażagħ bħala post ta' divertiment, insibu l-kappella tal-millenju li nbniet fis-sena 2000 bħala kappella għall-adorazzjoni ewkaristika. Din il-kappella hija mmexxija minn fondazzjoni ta' lajċi flimkien mal-patrijiet tal-ordni Agostinjan. Hija kappella li toffri post fejn persuna tkun tista' titlob għall-kwiet, f'żona storbjuża u movimentata. Iżda l-kappella ma toffrix dan biss. Bl-għajnuna ta' ċentru għall-assistenza soċjali, toffri wkoll servizzi lil dawk kollha li jitolbu l-għajnuna għax isibu ruħhom fil-bżonn jew f'xi diffikultà.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent(a) għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-qabru huwa granċ tal-ilma ħelu u huwa endemiku, jiġifieri jinsab biss fil-Gżejjer Maltin. Jiekol kemm weraq tal-frott iżda l-aktar insetti kbar u bebbux. Madankollu, il-qabru qiegħed maż-żmien jonqos fil-pajsaġġ Malti. Dan għaliex dawk il-karatteristiċi importanti għall-ambjent tiegħu fejn jgħix qegħdin jiġu mittiefsa mill-bniedem u l-progress. L-aktar li jgħix huwa f'abitat fejn matul is-sena kollha dejjem ikun hemm ilma ħelu u frisk. Iżda tista' ssibu wkoll f'ħitan tas-sejjieħ li jkunu qrib ħafna tal-ilma għaddej kontinwament. In-nuqqas u t-tniġġis tal-ilma, il-qerda tal-ambjent f'żoni fejn hemm l-ilma u l-kilba tal-bniedem biex jaqbdu, kollha jwasslu għall-għajbien tal-qabru. Għaldaqstant, huwa protett bil-liġi skont l-att tal-protezzjoni ambjentali.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli DARBTEJN u jagħti madwar ĦAMES sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) Il-pajsaġġ Malti
(b) <u>Il-qabru</u>
(ċ) Il-qerda tal-ambjent

2. Il-qabru huwa
(a) granċ tal-ilma baħar
(b) <u>granċ tal-ilma ħelu</u>
(ċ) granċ tal-ilma baħar u tal-ilma ħelu

3. Il-qabru jgħix billi jiekol
(a) frott, insetti kbar, u bebbux
(b) <u>insetti kbar, bebbux, u weraq tal-frott</u>
(ċ) weraq tal-frott u bebbux

4. Il-qabru l-aktar li nsibuh hu
(a) <u>f'abitat jew f'ħitan tas-sejjieħ fejn matul is-sena kollha dejjem ikun hemm ilma ħelu u frisk</u>
(b) f'abitat fejn ikun hemm kontinwament l-ilma baħar jew f'ħitan tas-sejjieħ
(ċ) f'ħitan tas-sejjieħ li jkunu ħdejn ilma ħelu

5. Is-silta ssemmi diversi raġunijiet għall-għajbien tal-qabru. Liema minn dawn mhumiex imsemmija?
(a) In-nuqqas u t-tniġġis tal-ilma
(b) Il-qerda tal-ambjent f'żoni fejn hemm l-ilma u l-kilba tal-bniedem biex jaqbdu
(ċ) <u>Is-sħana qawwija tas-sajf u l-qerda tal-ħitan tas-sejjieħ</u>

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW L-edukazzjoni**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-AMBJENT NATURALI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Taħseb li l-ambjent naturali huwa importanti fil-ħajja tal-bniedem? Għaliex?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
iv. Taħseb li l-bniedem kapaċi jkun ta' ostaklu għall-ambjent naturali? Għaliex taħseb hekk?
v. Fil-fehma tiegħek, x'taħseb li qiegħed isir sabiex nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin? Għaliex taħseb hekk? Jekk taħseb li mhux qiegħed isir biżżejjed jew saħansitra xejn, x'tipproponi li għandu jsir?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq L-EDUKAZZJONI.**
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Kemm taħseb li hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem? Għaliex taħseb hekk?
ii. Fil-fehma tiegħek, l-edukazzjoni minn fejn għandha tibda l-ewwel, mid-dar jew mill-iskola? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi biss? Għaliex taħseb hekk?
iv. Huma ħafna dawk li jgħidu li huwa importanti li jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Taħseb li llum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq IT-TAGĦLIM TAL-LINGWI BARRANIN.**
*Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:*

i. Jingħad li t-tagħlim ta' lingwi barranin iservi għal żieda fil-ħila tal-komunikazzjoni soċjali, komunikazzjoni li tista' tgħaqqad flimkien pajjiżi barranin. Taqbel ma' dan? Għaliex?
ii. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin jaħdmu għal azzjonijiet sabiex il-ħakma ta' ħiliet bażiċi ta' individwu tittejjeb, b'mod partikolari billi jiġu mgħallma lingwi barranin minn età bikrija. Fil-fehma tiegħek għaliex taħseb li l-pajjiżi Ewropej qegħdin jagħtu importanza għal dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju rikk. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq ĠAN FRANĠISK AGIUS DE SOLDANIS.**

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux rikk. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju rikk. |

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

**(Total: 4 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | **6ċ** |
| DATA: | 27 ta' Marzu 2017 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

## KARTA TAL-KANDIDATI

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1) SILTA GĦALL-QARI (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Kappella tal-Millenju**

Fil-qalba ta' Paceville, post magħruf minn kulħadd l-aktar miż-żgħażagħ bħala post ta' divertiment, insibu l-kappella tal-millenju li nbniet fis-sena 2000 bħala kappella għall-adorazzjoni ewkaristika. Din il-kappella hija mmexxija minn fondazzjoni ta' lajċi flimkien mal-patrijiet tal-ordni Agostinjan. Hija kappella li toffri post fejn persuna tkun tista' titlob għall-kwiet, f'żona storbjuża u movimentata. Iżda l-kappella ma toffrix dan biss. Bl-għajnuna ta' ċentru għall-assistenza soċjali, toffri wkoll servizzi lil dawk kollha li jitolbu l-għajnuna għax isibu ruħhom fil-bżonn jew f'xi diffikultà.

**(Total: 2 marki)**

---

## 2) ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

### b) Diskussjoni fuq tema kulturali (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

■ ■ ■

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 13 ta' Mejju 2017 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb MADWAR 350 KELMA fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Ir-roti u l-muturi fit-toroq Maltin. Iddiskuti.
2. Iddeskrivi palazz jew ġnien pubbliku li żort dan l-aħħar.
3. Ikteb rakkont li jibda jew jispiċċa: *Eżattament fis-sitta ta' filgħodu l-vapur daħal fil-port b'wiċċ il-ġid.*
4. Ikteb taħdita dwar l-importanza tal-ikel nutrittiv għal nies ta' kull età.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

Meta fl-ewwel nofs tas-seklu sittax il-konkwistatur Spanjol Hernando Cortes ħa f'idejh il-Messiku, innota kif membri tal-familja rjali Azteka kienu jixorbu minn tazzi tad-deheb kwantitajiet kbar ta' xarba morra li kienu jagħmluha billi jħalltu ż-żerriegħa mitħuna tal-kawkaw mal-qamħirrun iffermentat jew mal-inbid. Il-pjanta li tipproduċi ż-żerriegħa tal-kawkaw kienet tikber b'mod abbundanti f'dawn l-inħawi tad-dinja u l-Azteki kienu wkoll jużaw iż-żerriegħa tagħha bħala flus.

Meta Cortes mar lura pajjiżu, ħa miegħu l-iskoperta ta' din ir-riċetta Azteka. Forsi ftit għaddielu minn moħħu li din iż-żerriegħa kienet se ssir prodott ta' kummerċ importanti ħafna għal Spanja. Huwa introduċieha lill-familja rjali Spanjola u malajr bdiet titkabbar f'għelieqi kbar f'kolonji Spanjoli oħra. Il-proċess ta' kif minn dawn iż-żrieragħ issir iċ-ċikkulata nżamm sigriet għal kważi mitt sena sakemm xi patrijiet Spanjoli li kienu qed jaħdmu f'reġjuni oħra tal-Ewropa kixfu s-sigriet ta' din ir-riċetta.

Min-nofs is-seklu tmintax 'l hawn iċ-ċikkulata ma baqgħetx biss xarba li jixorbuha l-kbarat u l-għonja. Ir-rivoluzzjoni industrijali u l-użu tal-magni għenu sabiex anki n-nies komuni jduqu ċ-ċikkulata. Kien f'dan iż-żmien li l-produtturi tal-birra fl-Ingilterra talbu sabiex jonqos l-ammont ta' produzzjoni tagħha.

Fl-1928, xjentist Olandiż witta t-triq sabiex tiġi skoperta t-taħlita preċiża biex iċ-ċikkulata tkun tista' tittiekel fil-forma solida kif nafuha llum. Huwa stmat li fl-Istati Uniti tal-Amerka biss, tittiekel mal-500 kilogramma ċikkulata kull sekonda. Illum huma bosta x-xjentisti li jirriċerkaw u jistudjaw dwar il-benefiċċju u l-effetti li tħalli fuq min jikkunsmaha. Xi studji juru li jekk tiekol ftit ċikkulata skura kuljum, tnaqqas ir-riskju ta' mard tal-qalb. Mill-banda l-oħra studji oħrajn urew li ċ-ċikkulata tista' tmarrad u toqtol lill-klieb u l-qtates.

Ta' spiss issib min jgħidlek li ma jgħaddix mingħajr ċikkulata. Hawn min saħansitra jaf ħajtu liċ-ċikkulata bħal dak il-produttur kbir tagħha li minħabba problemi ta' negozju li nqalgħulu fl-aħħar ħin, ikkanċella l-vjaġġ li kellu jagħmel fuq it-*Titanic*, il-vapur li ħabat ma' *iceberg* u għereq. Għal dawk li jgħidu li ma jistgħux jgħixu mingħajr it-togħma taċ-ċikkulata, tajjeb ikunu jafu li t-togħma taċ-ċikkulata taf tkun morra għal ħafna tfal li qatt ma daqu l-ħlewwa u t-togħma vera tagħha.

F'dawn l-aħħar snin għadd ta' organizzazzjonijiet u ġurnalisti wrew it-tħassib tagħhom għall-mod kif qed jiġu sfruttati tfal fl-għelieqi tal-kawkaw, l-aktar fil-pajjiżi foqra tal-Punent tal-Afrika. Ħafna tfal jittieħdu mill-villaġġi żgħar tagħhom biex jaħdmu f'dawn l-għelieqi, oħrajn jinbiegħu lis-sidien ta' dawn l-għelieqi mill-familji tagħhom stess, filwaqt li oħrajn minn età żgħira ħafna jmorru minn jeddhom jaħdmu sabiex imantnu lil familthom. Huwa għalhekk li f'dawn l-aħħar snin inħolqot kuxjenza permezz ta' siti elettroniċi apposta li jiggwidaw lill-konsumatur sabiex jagħżel ċikkulata ta' ditti li huma ċċertifikati li ma jisfruttawx tfal f'din l-industrija.

*(tradotta mill-American Encyclopedia)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Minn xiex kienet magħmula t-taħlita tal-kawkaw li kienu jixorbu l-Azteki? (2)
2. Veru li għall-Azteki ż-żerriegħa tal-kawkaw kienet ta' valur kbir? Kif taf? (2)
3. Semmi **ŻEWĠ** fatturi li għenu sabiex Spanja tkun ewlenija fil-kummerċ taż-żerriegħa tal-kawkaw. (2)
4. Semmi ż-**ŻEWĠ** skoperti li x-xjentisti għamlu fl-istudji tagħhom dwar is-saħħa u ċ-ċikkulata? (2)
5. Għaliex taħseb li l-produtturi tal-birra fl-Ingilterra talbu sabiex tonqos il-produzzjoni taċ-ċikkulata? (2)
6. Skont dak li qrajt, x'differenza tinħass bejn il-ħajja fl-Istati Uniti tal-Amerka u l-ħajja fil-Punent tal-Afrika? (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA

F'dawn l-aħħar snin għadd ta' organizzazzjonijiet u ġurnalisti wrew it-tħassib tagħhom għall-mod kif qed jiġu sfruttati tfal fl-għelieqi tal-kawkaw, l-aktar fil-pajjiżi foqra tal-Punent tal-Afrika. Ħafna tfal jittieħdu mill-villaġġi żgħar tagħhom biex jaħdmu f'dawn l-għelieqi, oħrajn jinbiegħu lis-sidien ta' dawn l-għelieqi mill-familji tagħhom stess, filwaqt li oħrajn minn età żgħira ħafna jmorru minn jeddhom jaħdmu sabiex imantnu lil familthom. Huwa għalhekk li f'dawn l-aħħar snin inħolqot kuxjenza permezz ta' siti elettroniċi apposta li jiggwidaw lill-konsumatur sabiex jagħżel ċikkulata ta' ditti li huma ċċertifikati li ma jisfruttawx tfal f'din l-industrija. *(l-aħħar paragrafu)*

1. Sib minn dan il-paragrafu kelma **WAĦDA** li tfisser:

a. numru;
b. għaqdiet;
ċ. użati għal skopijiet ħżiena;
d. jgħinu b'mod finanzjarju. (4)

2. Fisser l-espressjonijiet b'sing taħthom skont il-kuntest. (4)
3. Liema hi l-espressjoni minn **paragrafu 4** li tfisser li kien ix-xjentist Olandiż li għamel l-ewwel skoperti? (2)

**(Total: 22 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-bidwi huwa l-għassies ewlieni tal-kampanja Maltija. Minbarra li jsebbaħ l-art bil-kuluri tal-uċuħ tar-raba' li jaħdem, huwa responsabbli li jżomm fi stat tajjeb it-trejqiet u l-mogħdijiet qalb l-għelieqi. Karatteristika ta' dawn it-trejqiet hija l-ħitan tas-sejjieħ li jiddominaw ix-xena rurali ta' pajjiżna. Inbnew biex jifirdu għalqa minn oħra kif ukoll biex itarrġu l-għelieqi. Għalkemm mingħajr tikħil u b'ġebel ta' qisien differenti, dawn il-ħitan ma jiġġarrfux malajr. L-ilma tax-xita jgħaddi minn bejn il-ġebel u b'hekk il-ħamrija tinżamm wara l-ħajt.

1. Mis-silta sib u ikteb verb tat-tieni forma. (1)
2. Agħti s-singular ta' uċuħ. (1)
3. Mis-silta sib u ikteb nom li huwa wkoll fil-parteċipju attiv (nom tal-aġent). (1)
4. Oħroġ nom minn responsabbli. (1)
5. Mis-silta sib u ikteb verb trux. (1)
6. Mis-silta sib u ikteb nom fid-diminuttiv. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb nom mimmat. (1)
8. Minn liema nom ħiereġ il-verb itarrġu? (1)
9. Mis-silta sib u ikteb nom verbali. (1)
10. Mis-silta sib u ikteb verb ta' nisel Romanz. (1)
11. Mis-silta sib u ikteb verb tal-ħames forma. (1)
12. Mis-silta sib u ikteb verb tas-seba' forma. (1)
13. Agħti l-plural ta' ilma. (1)
14. Agħti l-farrad waħdieni ta' ġebel. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb MADWAR 80 KELMA fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. JEKK SE TUŻA ISMIJIET ARA LI JKUNU FITTIZJI.**

1. Immaġina li int ġurnalist/a. Stednuk tattendi għal sessjonijiet ta' ġbid ta' film kbir Amerikan li qed jinġibed Malta. Ikteb rapport dwar dan biex jidher f'rivista lokali dwar il-films.

**JEW**

2. Ajruplan żgħir ħa n-nar ftit wara li niżel fl-ajruport ta' Malta. Ikteb rapport dwar dan l-inċident.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb MADWAR 80 KELMA fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. UŻA L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI MOGĦTIJA.**

1. Għadek kemm temmejt kors ta' taħriġ wara l-ħin tal-iskola f'kulleġġ tal-arti u tat-teknoloġija. Ikteb ittra ta' apprezzament lill-għalliem/a u l-prinċipal tal-kulleġġ.

   Ismek: John/ Joanna Cassar
   L-indirizz tiegħek: 34, Triq l-Iskalora, Ħal Tartani, TRN 1987.
   L-indirizz tal-kulleġġ: Kulleġġ Artitek, Triq it-Tajjar , Ħal Tartani, TRN1985.

**JEW**

2. Il-ġenituri tiegħek siefru għal btala qasira u talbuk sabiex kull filgħaxija tiktbilhom ittra elettronika biex tgħidilhom kif tkun qattajt il-ġurnata. Ikteb waħda minn dawn l-*emails* li bgħatt lill-ġenituri.Tinsiex tuża l-format tal-ittra elettronika (skont il-kaxxa hawn taħt).

   Ismek: Kira / Keiron Portelli
   L-indirizz elettroniku tiegħek: krport@stud.net.mt
   L-indirizz elettroniku tal-ġenituri: portelli@melit.net.mt

| |
|---|
| Lil:<br>Mingħand:<br>Data:<br>Suġġett:<br><br>................................................................................................................................<br><br>................................................................................................................................<br><br>................................................................................................................................ |

**(Total: 12-il marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 13 ta' Mejju 2017 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ġarġir mal-Ħerża,*** Marjanu Vella

Il-ħerża qed titmermer
U l-fdal tal-ġebel iswed,
Tilef it-tond ta' surtu
Is-satal, lewn l-irmied.

Ixxaqqaq l-għatu mkittef
Miżbugħ bi ftit tiċliq;
U fiċ-ċaflis nistenna
Xi ħadd jikser xi sieq.

* * *

Għaġeb tal-għeġubijiet, dalgħodu kmieni
Xħin mort maġenb il-bir,
Nara madwar il-ħerża
Qed jikber il-ġarġir!

U kesa dawramejt il-ġebla mielħa
B'lewn aħdar il-ġarġir,
U l-fjura bajda tefgħet riħa taħraq
Titnikker fuq il-bir.

Issa l-ħerża ħadet bixra
Ta' ma-nafx-hux-sħarijiet,
Naf li llum niżżilt is-satal
Tellajt ġmiel ta' ilmijiet.

**Wieġeb:**

1. X'effett joħloq il-poeta meta fl-ewwel parti tas-silta jirreferi għall-ilma bil-kelma "ċaflis" u fit-tieni parti bil-kelma "ġmiel ta' ilmijiet"? (3)

2. Ikteb xi jrid ifisser il-poeta fl-ewwel strofa meta jikteb li s-satal "Tilef it-tond ta' surtu". (3)

3. a) Islet **ERBA'** kelmiet/ frażijiet li jiffurmaw reġistru pożittiv fl-aħħar tliet strofi ta' din is-silta. (4)

   b) X'effett joħloq il-poeta b'dan ir-reġistru? (2)

4. X'jissimbolizza l-ilma fit-tieni parti ta' din is-silta? (3)

5. Ikteb kif nistgħu napplikaw iż-żewġ dehriet tal-bir mal-ħajja tal-bniedem. (2)

6. Islet **ŻEWĠ** versi tronki (mhux wara xulxin, imma fl-istess strofa) u għid għaliex il-poeta jużahom fl-istrofa li għażilt. (3)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Geraldine* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Geraldine,*** Trevor Żahra

Meta forsi kelli għaxar snin,
Fil-klassi kien hemm tifla,
Geraldine,
Għajnejha blu u xagħarha nnukklat,
U wiċċha mgermed,
U l-qmis imkemmxa,
U d-dublett tagħha dejjem mimli trab.

U meta Freddie l-buli,
Biex jagħmilha tal-gustuż,
Kien mar ħataf minn denbu lill-qattus,
U beda, mingħajr ħniena,
Idawru bħal raddiena,
U telqu jtir u spiċċa fil-prinjola
Fil-ġnejna tal-iskola,
Geraldine
Tatu daqqa bejn għajnejh
U niżżlitu għarkopptejh ...
B'xuxtu kollha bejn idejha
Milwi tnejn maġenb riġlejha
Kellu jwegħidha li żgur aktar ma jerġax ...
U Freddie l-buli,
Buli aktar ma baqax!
Kien propju dak il-ħin
Li jien tlift għaqli wara Geraldine.

**Wieġeb:**

1. Minn din is-silta sib similitudni, iktibha, u fisser l-effett li joħloq biha l-poeta. (3)
2. Mit-tliet karattri li jissemmew f'din is-silta ta' poeżija, liema wieħed/waħda tammira l-iżjed, u għaliex? (3)
3. Islet **TLIET** kelmiet/frażijiet li jiffurmaw reġistru dwar il-vjolenza li użat Geraldine fuq Freddie l-buli. (3)
4. a) X'inhi l-emozzjoni li qed iħoss il-poeta/it-tifel lejn Geraldine? (1)
   b) Islet il-vers li juri din l-emozzjoni. (2)
5. a) Ikteb dwar il-metrika tal-poeżija. (3)
   b) Għaliex il-poeta juża din il-metrika? (2)
6. Fil-kumplament tal-poeżija, kif żviluppat il-ħbiberija ta' Geraldine u l-poeta? (3)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Il-Koranta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Il-Koranta,*** Oliver Friggieri

Kellha s-snin tagħha, iżda għarusa bħalha hi ta' min iħares lejha wkoll. Is-snin ibiddlu, u jkerrhu, imma minn ġewwa l-bniedem jista' jibqa' frisk, nadif bħal vażett fjuri li għadhom jinqatgħu. Mhux il-fjuri kollha jitbielu u jinxfu.

Ferħana kienet żgur, iżda kellha rogħda li s-sewwieq intebaħ biha minnufih. Xtaq jgħinha iżda x'seta' jagħmel? Malli tfaċċat ħdejn il-knisja folla kbira bdiet issaffar u tgħajjat. Tfal jirraġġaw u jwerżqu, irġiel u nisa jfaqqgħu d-daħk qishom imxennqin mill-ispettakli ċajtiera.

"Koranta, Koranta!" bdiet tgħajjat u tkanta l-ġemgħa b'leħen wieħed. Il-kor kellu xi ħaġa tal-biża' fih.

"San Ġużepp, eħlisni inti minn dan l-infern!" bdiet titniehed b'leħen li semgħu s-sewwieq.

"Aħjar ma tidħolx minn hawn, sinjura. Din il-folla mhix se tħallik tgħaddi," qalilha l-ieħor.

Il-mara lanqas biss kellha l-kuraġġ tħares madwarha mit-tieqa. B'għajnejha jdemmgħu u b'ħarsa li ma wriet l-ebda qilla, talbitu jsuq biex jidħlu mill-bieb iż-żgħir tas-sagristija. Ma kienx hemm bogħod wisq, u l-folla mqanqla, malli ntebħet x'kien se jagħmel is-sewwieq, ġriet lil hemm, issaffar u tgħajjat aktar minn qabel l-istess kelma, "Koranta, Koranta!"

**Wieġeb:**

1. Il-jum tat-tieġ huwa jum li ma jintesa qatt. X'inhi l-ironija fil-każ tat-tieġ tal-Koranta? (4)

2. Mill-ewwel paragrafu tas-silta sib similitudni, iktibha u għid x'effett joħloq il-kittieb fil-kuntest li qiegħda fih. (4)

3. X'inhu l-kuntrast li nsibu fit-tieni paragrafu? Fissru. (4)

4. Minn dak li naqraw f'din is-silta, semmi **TLIET** karatteristiċi li inti tħoss li jiddeskrivu l-folla, u saħħaħ waħda minnhom bi kwotazzjoni. (4)

5. X'inhi r-raġuni li l-folla ssejjaħ lill-protagonista "Koranta" u mhux b'isimha propju? X'effett jinħoloq b'din l-atitudni tal-folla? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ittri lil Marta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ittri lil Marta,*** Joe Friggieri

Darba tal-posta wasal tard. Ħatfitlu l-ittra minn idu u fetħitha bla telf ta' żmien. Kien fiha biss tliet kelmiet: "Marta, qed inpinġik".

Inħasdet. Kienet l-ewwel darba li sejħilha b'isimha. Mnejn kien ġabu? Min tahulu? Jew forsi kien jafu qabel u ma riedx juriha? F'dak il-każ, għaliex ma riedx? X'kien qed iżommu? X'kellu x'jaħbi? U għaliex iddeċieda li juriha issa? X'logħba kien qed jilgħab?

L-għada rċeviet ittra oħra bl-istess messaġġ: "Marta, qed inpinġik". U l-pitgħada wkoll, u l-ittri baqgħu ġejjin, dejjem bl-istess kliem, u l-misteru jikber.

Ma kinitx kuntenta b'dak li kien qed jiġri. Qabel, l-ittri kien ikun fihom x'taqra. Kien jagħtiha stampa sħiħa ta' ħajtu, u kien donnu jaf sew x'kienet tagħmel hi – donnu kien joqogħdilha għassa, jew iqabbad lil xi ħadd iqisilha passiha. Ġieli qalilha wkoll x'libsa kienet liebsa u kif għamlet xagħarha.

Issa dawk l-ittri spiċċaw. Minflokhom kienet tirċievi biss dawk il-messaġġi: "Marta, qed inpinġik".

Hi donnha bdiet titlef l-interess. Ġieli ġietha t-tentazzjoni tqatta' l-ittra qabel tiftaħha, jew tgħid lil tal-posta ma jġibilhiex ittri iżjed. Darba ħallietha magħluqa apposta, u fetħitha qabel daħlet torqod. U issa mad-diqa beda jitħallat il-biża'.

**Wieġeb:**

1. X'effett joħloq in-narratur meta fl-ewwel sentenza ta' din is-silta jikteb: "Darba tal-posta wasal tard"? (4)

2. Fisser l-effett li joħloq in-narratur meta jikteb sentenza b'kelma waħda, "Inħasdet", meta Marta qrat l-ittra l-ewwel darba. (4)

3. X'effetti differenti joħolqu l-mistoqsijiet li nsibu waħda wara l-oħra fit-tieni paragrafu ta' din is-silta? (4)

4. Minn dak li jseħħ f'din in-novella, għaliex in-narratur jikteb: "l-misteru jikber"? (4)

5. Semmi **ŻEWĠ** emozzjonijiet li tħoss Marta meta tirċievi l-ittri, u spjagahom skont il-kuntest tan-novella. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA fuq kull mistoqsija. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Il-ħajja ġġiegħlek issofri għax mimlija diżappunti. Ikteb dwar dan l-argument skont dak li naqraw fil-poeżija *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado u fin-novella *Xtara l-Ħut fil-Baħar* ta' Laurence Mizzi. (15)

2. Ikteb dwar is-sentiment tal-imħabba kif huwa rifless fil-poeżija *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u fin-novella *Bank* ta' Frans Sammut. (15)

3. Diversi drabi l-poeti jirriflettu fuq il-ħajja. Ikkummenta dwar kif jagħmlu din ir-riflessjoni Ružar Briffa fil-poeżija *Quo Vadis?* u Dun Karm Psaila fil-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem.* (15)

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 400 KELMA. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Skont dak li naqraw fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Ružann,* iddiskuti l-iżvilupp tal-mara matul iż-żminijiet differenti: minn bidwija fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli sa artista ta' fama f'Malta u barra minn Malta; kif ukoll tabiba u professjonista.

**JEW**

2. Il-qagħda politika u soċjali fis-seklu dsatax kienet differenti mill-qagħda politika u soċjali fis-seklu għoxrin. Iddiskuti dan l-argument skont dak li naqraw fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Ružann.*

**(Total: 30 marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 13 ta' Mejju 2017 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ġarġir mal-Ħerża,*** Marjanu Vella

Il-ħerża qed titmermer
U l-fdal tal-ġebel iswed,
Tilef it-tond ta' surtu
Is-satal, lewn l-irmied.

Ixxaqqaq l-għatu mkittef
Miżbugħ bi ftit tiċliq;
U fiċ-ċaflis nistenna
Xi ħadd jikser xi sieq.

* * *

Għaġeb tal-għeġubijiet, dalgħodu kmieni
Xħin mort maġenb il-bir,
Nara madwar il-ħerża
Qed jikber il-ġarġir!

U kesa dawramejt il-ġebla mielħa
B'lewn aħdar il-ġarġir,
U l-fjura bajda tefgħet riħa taħraq
Titnikker fuq il-bir.

Issa l-ħerża ħadet bixra
Ta' ma-nafx-hux-sħarijiet,
Naf li llum niżżilt is-satal
Tellajt ġmiel ta' ilmijiet.

**Wieġeb:**

1. F'din is-silta ta' poeżija nsibu żewġ dehriet kontrastanti tal-bir. Ikteb x'inhuma dawn iż-**ŻEWĠ** dehriet, u x'effett joħloq bihom il-poeta. (3)

2. a) Mill-ewwel żewġ strofi ta' din is-silta ta' poeżija, islet **TLIET** kelmiet li jiffurmaw reġistru negattiv. (3)

   b) X'inhu l-effett ta' dan ir-reġistru fuq il-qarrej? (2)

3. Għal liema raġuni l-poeta jirreferi għas-satal bħala: "lewn l-irmied"? (3)

4. X'effett joħloq il-poeta meta jispiċċa t-tielet strofa b'esklamazzjoni? Ikteb għaliex jinħoloq dan l-effett. (3)

5. Il-"fjura bajda" għandha tifsira metaforika. Ikteb x'inhi din it-tifsira. (3)

6. Ikteb x'effett joħloq il-poeta meta fl-istrofa ta' qabel tal-aħħar jagħmel referenza għall-kuluri. (3)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Geraldine* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Geraldine,*** Trevor Żahra

Meta forsi kelli għaxar snin,
Fil-klassi kien hemm tifla,
Geraldine,
Għajnejha blu u xagħarha nnukklat,
U wiċċha mgermed,
U l-qmis imkemmxa,
U d-dublett tagħha dejjem mimli trab.

U meta Freddie l-buli,
Biex jagħmilha tal-gustuż,
Kien mar ħataf minn denbu lill-qattus,
U beda, mingħajr ħniena,
Idawru bħal raddiena,
U telqu jtir u spiċċa fil-prinjola
Fil-ġnejna tal-iskola,
Geraldine
Tatu daqqa bejn għajnejh
U niżżlitu għarkopptejh ...
B'xuxtu kollha bejn idejha
Milwi tnejn maġenb riġlejha
Kellu jwegħidha li żgur aktar ma jerġax ...
U Freddie l-buli,
Buli aktar ma baqax!
Kien propju dak il-ħin
Li jien tlift għaqli wara Geraldine.

**Wieġeb:**

1. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' poeżija, ikteb **ERBA'** karatteristiċi dwar il-karattru ta' Geraldine. (4)
2. Agħti **TLIET** kwotazzjonijiet li jiffurmaw reġistru dwar il-vjolenza li użat Geraldine fuq Freddie l-buli. (3)
3. Mit-tliet karattri li jissemmew f'din is-silta ta' poeżija, liema wieħed/waħda minnhom tikkundanna? Agħti **TLIET** kwotazzjonijiet li juruh/a ikrah/kerha u vjolenti. (4)
4. X'figura tat-taħdit insibu fil-vers: "Idawru bħal raddiena"? X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura? (4)
5. a) Il-vers li jħaddem il-poeta huwa: (agħżel **WAĦDA**)
    i. vers maħlul.
    ii. vers ħieles.
    iii. vers endekasillabu.
    iv. versi b'rima mbewsa. (1)

   b) Ikteb għaliex il-poeta ħaddem dan il-vers. Agħti **TLIET** vantaġġi. (4)

**(Total: 20 marka)**

## IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Il-Koranta,*** Oliver Friggieri

Kellha s-snin tagħha, iżda għarusa bħalha hi ta' min iħares lejha wkoll. Is-snin ibiddlu, u jkerrhu, imma minn ġewwa l-bniedem jista' jibqa' frisk, nadif bħal vażett fjuri li għadhom jinqatgħu. Mhux il-fjuri kollha jitbielu u jinxfu.

Ferħana kienet żgur, iżda kellha rogħda li s-sewwieq intebaħ biha minnufih. Xtaq jgħinha iżda x'seta' jagħmel? Malli tfaċċat ħdejn il-knisja folla kbira bdiet issaffar u tgħajjat. Tfal jirraġġaw u jwerżqu, irġiel u nisa jfaqqgħu d-daħk qishom imxennqin mill-ispettakli ċajtiera.

"Koranta, Koranta!" bdiet tgħajjat u tkanta l-ġemgħa b'leħen wieħed. Il-kor kellu xi ħaġa tal-biża' fih.

"San Ġużepp, eħlisni inti minn dan l-infern!" bdiet titniehed b'leħen li semgħu s-sewwieq.

"Aħjar ma tidħolx minn hawn, sinjura. Din il-folla mhix se tħallik tgħaddi," qalilha l-ieħor.

Il-mara lanqas biss kellha l-kuraġġ tħares madwarha mit-tieqa. B'għajnejha jdemmgħu u b'ħarsa li ma wriet l-ebda qilla, talbitu jsuq biex jidħlu mill-bieb iż-żgħir tas-sagristija. Ma kienx hemm bogħod wisq, u l-folla mqanqla, malli ntebħet x'kien se jagħmel is-sewwieq, ġriet lil hemm, issaffar u tgħajjat aktar minn qabel l-istess kelma, "Koranta, Koranta!"

**Wieġeb:**

1. Ikteb mill-inqas **ERBA'** karatteristiċi li nsibu fil-karattru tal-Koranta minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża. (4)

2. Ikteb dwar l-emozzjonijiet li għaddiet minnhom il-Koranta xħin waslet ħdejn il-knisja, u għaliex għaddiet minnhom. (4)

3. X'effett joħloq in-narratur bil-kelma "infern" fit-talba tal-Koranta: "San Ġużepp, eħlisni inti minn dan l-infern"? Spjega dan l-effett. (4)

4. X'effett joħloq in-narratur bis-sentenza: "Mhux il-fjuri kollha jitbielu u jinxfu"? Spjega dan l-effett. (4)

5. a) Meta l-Koranta rat lil dawk in-nies kollha quddiem il-knisja: (agħżel **WAĦDA**)
   - i. bdiet tobgħodhom.
   - ii. tbikkmet.
   - iii. tbissmet.
   - iv. sfidathom. (1)

   b) Ikteb dwar il-kuntrast bejn dak li xtaqet Anjeżi fil-jum tat-tieġ tagħha, u dak li seħħ fir-realtà. (3)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ittri lil Marta,*** Joe Friggieri

Darba tal-posta wasal tard. Ħatfitlu l-ittra minn idu u fetħitha bla telf ta' żmien. Kien fiha biss tliet kelmiet: "Marta, qed inpinġik".

Inħasdet. Kienet l-ewwel darba li sejħilha b'isimha. Mnejn kien ġabu? Min tahulu? Jew forsi kien jafu qabel u ma riedx juriha? F'dak il-każ, għaliex ma riedx? X'kien qed iżommu? X'kellu x'jaħbi? U għaliex iddeċieda li juriha issa? X'logħba kien qed jilgħab?

L-għada rċeviet ittra oħra bl-istess messaġġ: "Marta, qed inpinġik". U l-pitgħada wkoll, u l-ittri baqgħu ġejjin, dejjem bl-istess kliem, u l-misteru jikber.

Ma kinitx kuntenta b'dak li kien qed jiġri. Qabel, l-ittri kien ikun fihom x'taqra. Kien jagħtiha stampa sħiħa ta' ħajtu, u kien donnu jaf sew x'kienet tagħmel hi – donnu kien joqogħdilha għassa, jew iqabbad lil xi ħadd iqisilha passiha. Ġieli qalilha wkoll x'libsa kienet liebsa u kif għamlet xagħarha.

Issa dawk l-ittri spiċċaw. Minflokhom kienet tirċievi biss dawk il-messaġġi: "Marta, qed inpinġik".

Hi donnha bdiet titlef l-interess. Ġieli ġietha t-tentazzjoni tqatta' l-ittra qabel tiftaħha, jew tgħid lil tal-posta ma jġibilhiex ittri iżjed. Darba ħallietha magħluqa apposta, u fetħitha qabel daħlet torqod. U issa mad-diqa beda jitħallat il-biża'.

**Wieġeb:**

1. Għaliex fil-bidu tas-silta naqraw li Marta, "Ħatfitlu l-ittra minn idu" lill-pustier? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet. (4)

2. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet li setgħu wasslu lill-kittieb tal-ittri biex jirrepeti l-kliem li kien hemm fl-ittra, jiġifieri, "Marta, qed inpinġik," għal tliet darbiet. (4)

3. a) Din is-silta hija riflessiva jew narrattiva? (1)

   b) Għid għaliex u spjega r-raġuni li tagħti. (3)

4. Minn dak li naqraw f'din is-silta, islet **ERBA'** kwotazzjonijiet li juruna li Marta bdiet tissuspetta li l-ġuvni misterjuż kien jafha sew. (4)

5. Min hu l-protagonist ta' din is-silta ta' proża? Għid għaliex taħseb hekk. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ikteb dwar l-argument tal-patrijottiżmu kif jidher fil-ballata *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia.

**JEW**

2. Ikteb dwar l-argument kif bniedem iqarraq b'ħaddieħor skont dak li naqraw fin-novella *Bl-Irħis* ta' Vincent Vella.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Iddiskuti x-xebh u d-differenzi li tinnota bejn il-karattri ta' Rużann u Ġina fil-bidu u fit-tmiem tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann.*

**JEW**

2. Ikkummenta dwar il-qagħda li kienet tgħix fiha l-klassi l-baxxa fis-seklu dsatax, skont dak li naqraw fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann.*

**(Total: 30 marka)**